dawl Franġiskan
LEHEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN




MEJJU 2008 – IT-28 SENA – GHADD 280 – NEWSPAPER POST – IISN 1811-5373

















3 **9 ta' Mejju - Jum San Ġorġ Preca**
Editorjal

4 **Rut - L-Għanja Moħbija**
minn Mons. Lawrenz Sciberras

6 **Teleskopju fuq il-Ħajja**
minn P. William Axiaq OFMCap

8 **Xi tfisser li tkun Omm?**
minn Jesabelle Azzopardi

10 **OFS - Il-Pellegrinaġġ - San Damiano**
minn Joyce Zammit

11 **OFS - Il-Kurċifiss ta' San Damjan (3)**
minn Fr Godfrey Zarb OFMCap

12 **Novella**
minn Emily Barbaro-Sant

14 **Vokazzjonali**
minn Fr Ivan Scicluna OFMCap

16 **Il-Kapuċċini f'Malta V**
minn Winston L. Zammit B.A. (Hons), P.G.C.E., M.A.

18 **Okkult**
minn Fr Franco Fenech OFMCap

19 **It-Tarka u x-Xabla**
minn Dr Tonio Piscopo MD, MRCP (UK), DTM&H (Lond.)

20 **Gi.Fra**
minn Duncan Zammit

21 **Ġustizzja - L-Elezzjoni waslet u għaddiet! IV**
minn Dr Mark Anthony Mifsud Cutajar LL.D

22 **Tweġiba**
minn P. William Axiaq OFMCap

23 **Missjoni**
minn Mons. Francis Baldacchino OFMCap,
Isqof tad-Djoċesi ta' Malindi, il-Kenja

24 **Tifkira ta' Patri Stiefnu Barbara OFMCap 1919-2008**
minn Fr Martin Micallef OFMCap,
Segretarju u Arkivista Provinċjali

26 **Il-Bolol ta' Malta**
minn Tony C. Cutajar

28 **Il-Bniedem Sħiħ - Ir-Realtá: Żewġ Saltniet**
minn Manuel Micallef

30 **Kompetizzjonijiet**
minn P. Wistin Attard OFMCap

31 **Ġwanni - Jurina Kif Nersqu Lejn Alla**
minn Harry Agius Ordway


**Ħlas ta' l-Abbonament: €9.32 (Lm4.00) fis-sena.**
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur:
**Ċentru Missjoni Kapuċċini, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN1211**




*Qoxra:*
***Il-Kantiku tal-Ħlejjaq.***
***Kitba ta' Franġisku t'Assisi li fih jesprimi s-sempliċita tiegħu quddiem il-kobor tal-ħolqien.***


**BORD EDITORJALI**

**Editur**
Leonard Falzon OFMCap

**Amministratur**
Crispin Tabone OFMCap

**Distributur**
Dorian Holland OFS

**Membri**
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap

**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - FRN1211
Tel: 2123 3874/2122 5525/2123 4949
e-mail: leofalzon@waldonet.net.mt

ISSN 1811-5373

**DISINN U LAYOUT**
Robert Tabone
Mob: 9947 3763

**MITBUGĦ**
Gutenberg Press Ltd.
Tel: 2189 7037


*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*


© Dawl Franġiskan 2008
Publikazzjoni Franġiskani Kapuċċini



# 9 TA' MEJJU
# JUM SAN ĠORG PRECA

**Nhar it-3 ta' Ġunju 2007, il-Papa Benedittu XVI ipproklama lil Dun Ġorġ Preca qaddis. Fl-omelija tal-kanonizzazzjoni tiegħu, il-Papa hekk iddeskriva lil Dun Ġorġ: "Ġorġ Preca kien ħabib ta' Ġesù u xhud tal-qdusija li tiġi minnu." Għall-Papa Benedittu li tkun midħla ta' Ġesù hija essenzjali biex tħabbru lill-oħrajn.**

Fi żmien meta f'Malta l-injoranza reliġjuża kienet grassa, San Ġorġ fehem li biex sata' jwassal lil Kristu, il-ħabib waħdieni tiegħu, lin-nies ta' żmienu, ried isir jafu personalment. L-Evanġelju kien għalih l-iskola ta' Ġesù. Fil-qari u t-talb bl-Evanġelju, San Ġorġ beda jinbidel fi Kristu li tant kien iħobb.

Min isir jaf lil Ġesù wiċċ imbwiċċ ma joqgħodx jitnikker milli jħabbru lill-oħrajn. Permezz tal-predikazzjoni, il-kitba, id-direzjoni spiritwali, l-amministrazzjoni tas-sagramenti u fuq kollox bl-eżempju ta' ħajtu, San Ġorġ Preca pparteċipa b'mod sħiħ fil-missjoni ħelliesa ta' Kristu. Fi Kristu, ma' Kristu u bi Kristu, ħajjet San Ġorġ xandret b'mod l-aktar qawwi li kien Kristu fih li kien qed iwettaq dan kollu: **"L-Ispirtu tal-Mulej fuqi, għaliex Hu wettaqni; biex inwassal il-bxara 'l imsieken bagħatni, biex inħabbar lill-imjassrin il-ħelsien, lill-għomja d-dawl; biex nibgħat il-maħqurin meħlusa; biex inxandar is-sena tal-ħniena ta' Alla"** (Lq 4:18-19).

Quddiem Insara msieken, imjassrin, għomja u maħqura għax ma kinux jafu lil Kristu, San Ġorġ ħass is-sejħa minn Alla biex jgħarrafhulhom. It-talb flimkien mat-tagħlim kienu l-mezz biex huwa sata' jaqdi l-missjoni tiegħu. Saħaq kemm felaħ biex irawwem lill-membri tas-Soċjetà tal-MUSEUM li huwa waqqaf fit-tagħlim bla ma jaqta' fl-oqsma differenti tat-teoloġija, bħalma huma l-morali, id-dommatika, il-Bibbja, l-ispirtwalità, il-pedagoġija, l-istorja tal-Knisja, eċċ. Setgħu jgħallmu lill-oħrajn għax huma mgħallmin.

Fl-Ittra Pastorali li l-Isqfijiet ħarġu fid-9 ta' Mejju saħqulna biex insiru midħla tal-fidi tagħna. Aħna li rċevejna l-Ispirtu ta' Alla kemm fil-Magħmudija u kif ukoll fil-Konfirmazzjoni tagħna, għandna d-dmir li nxerrdu u niddefendu l-fidi nisranija tagħna bil-kelma u l-għemil tagħna. Aħna lkoll responsabbli li nkunu xhieda tassew ta' Kristu, li nxandru ismu b'qawwa u li qatt ma nistħu mis-Salib.

It-talb, direzzjoni spiritwali, il-Bibbja, il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, l-attendenza għal-laqgħat ta' formazzjoni nisranija, is-sehem sħiħ fil-liturġija u l-ħajja tal-Knisja, kollha huma mezzi tajbin biex bihom nħabbru b'qawwa u b'konvinzjoni lil Kristu f'Malta ta' llum. Bihom nagħtu xhieda li aħna tabilħaqq ħbieb ta' Ġesù. •

# Rut

## L-GĦANJA MOĦBIJA

**Rut hija waħda mit-tliet nisa li fil-Bibbja hemm ktieb sħiħ iddedikat għaliha. It-tnejn l-oħra huma Ester u Ġuditta. Hija wkoll dik il-mara li isimha nsibuh minqux fil-ġeneoloġija ta' Ġesù u dan kemm ta' Mattew kif ukoll ta' Luqa. Għalkemm il-ħajja ta' Rut xejn ma kienet faċli u sempliċi, in-nuqqasijiet li kellha, dawn ġew mgħoddija lilha; hija żammet dejjem l-indafa f'persuntha. L-isem ta' Rut huwa miktub erbatax-il darba u naturalment l-aktar li jidher fil-ktieb li jġib isimha stess.**



### IL-FAMILJA TA' RUT

Fil-Bibbja ma hemmx tagħrif dettaljat dwar l-oriġini ta' Rut. Il-għorrief jgħidu li hija kienet prinċipessa, it-tifla ta' Eglon, sultan tal-Mowab. U għalhekk għal dawk li kienu jgħixu magħha, Rut kienet eċċezzjoni. Rut għalhekk saret it-tip ta' dawk li jbiddlu l-ħajja u d-drawwiet tagħhom. Mhux proċess ta' tiġdid, imma huwa nies li donnhom jgħixu f'ħajja oħra mingħajr forsi ma jindunaw.

F'ħafna eżempji, l-istorja ta' Rut terġa' tirrepeti ruħha fil-Bibbja. Hija ġrajja li fiha hemm jirriflettu dak li jagħmlu fl-aħħar ħafna popli u familji; jerġgħu jirritornaw għall-oriġini tagħhom kif fil-fatt għamlet Rut. Dan ma nafux kif jiġri, imma b'xi mod jew ieħor dan iseħħ.

Fil-ktieb tal-Ġenesi hemm miktub li Mowab kien it-tifel ta' Lot, li kien jiġi minn Abraham. F'ċertu sens Lot kien is-sieħeb ta' Abraham, dak li għamel minn kollox biex jimitah. Dan huwa wieħed mill-punti pożitivi ta' Lot, għaliex imbagħad dan l-istess bniedem kellu mumenti negattivi f'ħajtu. Però kif ifissru l-għorrief Lhud dawn l-aspetti pożittivi u negattivi jinġabru **"fid-dawl tal-Messija"**. Dan għaliex Rut nisslet lil Għobed, għobed nissel lil Ġessi, u Ġessi nissel lis-sultan David (Mt 1:6). Kien għalhekk li mbagħad meta Gabriel ħabbar lil Marija qalilha. **"Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David Missieru"** (Lq 1:32).

### KARATTRU DIFFERENTI

Aspett ieħor li jidher ċar fil-ħajja ta' Rut huwa dak tal-ħelsien. Rut xejn ma kienet taħsibha



bil-mentalità ta' żminijietha, għaliex fil-waqt li l-armla kienet tagħmel minn kollox biex terġa' tiżżewweġ, Rut iddeċidiet li toqgħod mal-kunjata tagħha Nagħomi. **"Fejn tmur int, immur jien, fejn toqgħod int noqgħod jien; niesek niesi; Alla tiegħek, Alla tiegħi; fejn tmut int, immut jien; u hemm nindifen"** (Rt 1:16). Minn dan il-kliem joħroġ ċar il-karattru nobbli, għani u ta' rispett li kellha il-Moabita Rut.

U hawn issa tkompli toħroġ fil-beraħ id-differenza fil-karattri ta' bejn Rut u Għorfa. Ta' l-ewwel, jiġifieri Rut, uriet aktar sens ta' rispett lejn Nagħomi meta marret tgħix magħha anki f'art barranija. Għaliex Rut kienet mill-Mowab u mbagħad marret Betlem. Aktar 'il quddiem dan l-att ġeneruż ifakkru Bogħaż lil Rut stess. **"Qaluli b'kull ma għamilt mal-kunjata wara l-mewt ta' żewġek; ħallejt lil missierek u lil ommok u lil art twelidek, u tlaqt għal għand poplu li int xejn ma kont tafu qabel. Il-Mulej iħalsek talli għamilt"** (Rt 2:11).

Għorfa għall-kuntrarju ma kkonfondiet xejn, baqgħet f'art twelidha, il-Mowab: minn din il-ġrajja wieħed faċilment jikkonkludi kemm Rut kellha karattru dħuli, nobbli u miftuħ għal mal-proxxmu.

## ŻEWĠ RAZEZ TA' NIES

Il-għorrief f'dawn iż-żewġ nisa, Għorfa u Rut jaraw żewġ razez ta' nies differenti u kontra xulxin. F'Għorfa jaraw lill-ġgant Golija, dak il-bniedem li tant ħaqar u għakkes il-Lhud; fil-waqt li f'Rut jaraw ir-razza tas-sultan David, dak li ġie mbierek minn Alla. **"Għamilt patt mal-magħżul tiegħi, ħlift lil David, il-qaddej tiegħi: Jien nagħmel li nislek jibqa' għal dejjem, li f'kull żmien jibqa' sħiħ it-tron tiegħek"** (Sl 89:4-5). Din is-silta tas-salm taqbel preċiż mal-profezija li Natan għamel lil David rigward is-sħuħija tas-saltna tiegħu quddiem Alla. (2 Sam 7:16).

Dak li jidher ta' l-għaġeb f'Rut, mhux le għaliex hija ntrabtet tant mal-kunjata tagħha Nagħomi, imma għaliex din ir-rabta kienet tfisser, stil ta' ħajja ġdida, bi drawwiet ġodda u kultura differenti. Fil-Mogħab ma kienx hemm Lhud, mela ebda ħarsien ta' jum is-Sibt, ebda forma ta' festi liturġiċi tal-Lhud, ebda kant tas-salmi u għanjiet reliġjużi oħra. Ukoll kienet ħajja li ma kellha ebda garanzija għall-futur għal familja tagħha. Madankollu Rut kompliet tinsisti li għandha ssieħeb lil Nagħomi sa l-aħħar. Huwa kollu veru li dan l-aħħar kien wieħed sabiħ, imsieħeb ma' rabta ta' ġenerazjonijiet eterni, però kull bidu huwa diffiċli ħafna.

Ir-rabta li kien hemm bejn Rut u Nagħomi ma kenitx xi waħda sempliċement personali, imma wisq aktar fil-fond u intima. Għal ġenerazzjonijiet sħaħ ir-relazzjoni bejn il-mara u l-kunjata tagħha aktarx li dejjem kienu ta' firda u ġlied. Anki l-istess profeti jagħmlu riferenzi twal dwar din il-kwalità ta' ġlied. **"Għax l-iben imqadar lil missieru, il-bint tqum għal ommha, il-mara kontra omm żewġha"** (Mik 7:6). Fuq dan l-istess ħsieb tkellem biċ-ċar Ġesù wkoll: **"Jinfirdu l-missier kontra l-iben u l-iben kontra l-missier, l-omm kontra l-bint u l-bint kontra l-omm, omm ir-raġel kontra mart binha u mart l-iben kontra omm żewġha"** (Lq 12:53).

Anki l-Mixna ssemmi numru ta' nies li jeħduha kontra xulxin, fosthom il-mara u l-kunjata. Immela fil-każ tagħna ta' Rut din kienet tassew eċċezzjoni. Ġara wkoll li x-xewqa li kellha Rut lejn art Ġuda, in-nies tagħha, il-festi u t-tradizzjonijiet kienu anki jisbqu r-rabtiet tal-familja. Bogħaż wera dan il-ħsieb meta faħħar lil Rut, u qalilha li hija kien jistħoqqilha l-ħlas kif ukoll il-premju mingħand il-Mulej Alla ta' Iżrael, li **"int ġejt tistkenn taħt ġewnħajh"** (Rt 2:12). Nagħomi minn art barranija (Mowab) irritornat f'art missirijietha, issa jidher li Rut ukoll kienet ġejja d-dar tfittex il-kenn taħt il-ħarsien tas-Setgħani.

## DOTI SPEĊJALI

Fir-relazzjoni li nibtet bejn Rut u Bogħaż joħroġ il-fatt, li Bogħaż ra f'Rut xi ħaġa speċjali li f'nies oħra ma rax. Għal oħrajn Rut kienet mara barranija, mara li twassal għas-suspett jekk mhux ukoll għall-mibegħda. U bħala barranija, imma kkonvertita kien jaqbel wisq aktar li wieħed jitbiegħed minnha. Anki l-liġi tal-levirat (Dt 25:5) ma tantx kienet tapplika fil-każ ta' Rut, dejjem għar-raġuni li hija kienet Moabita. Però dejjem skond il-għorrief, Bogħaż, il-Betlemita, kien raġel ta' rispett, imħallef mit-tribu ta' Ġuda; huwa kien jara l-affarijiet b'mod differenti. Barra mill-fatt li Rut kienet mara fqira kkonvertita, Bogħaż ra fiha wkoll dak li kellha minn ġewwa. Għax Bogħaż, li kellu xi relazzjoni magħha, ipprova jinkoraġġiha u jgħinha. Bogħaż u l-qraba tiegħu wrew żewġ modi ta' mġiba mal-proseliti: waħda kienet dik ta' stmerrija u suspett, fil-waqt li l-oħra kienet ta' ħniena u aċċettazzjoni. Din l-imġieba ta' Bogħaż u l-familja tiegħu tpoġġi quddiem kulħadd il ħtieġa tal-prattika tal-kmandament ta' l-imħabba.

L-għajnuna lill-proxxmu għandha tiġi mogħtija dejjem malajr u lil kulħadd. Fil-ktieb ta' Rut hemm ċar din l-imġiba unika. Naturalment imbagħad dan il-kmandament ta' l-imħabba tal-proxxmu jkompli jiġi ċċarat u msaħħaħ mit-tagħlim u l-imġiba ta' Kristu stess. •



# TELESKOPJU FUQ IL-ĦAJJA

Ir-riflessjoni l-ewwel ma tagħmel taħdem fuq il-moħħ. Il-moħħ jippreżenta l-kontenut tar-riflessjoni lir-rieda. Ir-rieda tħaddan dak li jinżlilha tajjeb. Minn hawn naraw kemm huwa importanti l-ħsieb. Jekk ikun f'postu jsuq bilfors għall-azzjoni. L-azzjoni tkissirna u ssedaqna fil-valuri tal-ħajja u fil-messagg ta' l-Evangelju.



## IT-TEŻOR TAL-GRAZZJA T'ALLA

Fid-dinja teżisti realtà spiritwali importanti ħafna: il-grazzja t'Alla. Henjin dawk li jagħrfu japprezzawha u jgħixuha. Hi mhix biss don imma kisba wkoll. **"Kieku kont taf id-don t'Alla,"** (Ġw 4:10) qal il-Mulej Ġesù lis-Samaritana ħdejn il-bir ta' Ġakob, għatxan kif kien biex jirbħilha ruħha. **"Intom il-magħżulin t'Alla, il-qaddisin u l-maħbubin tiegħu"** (Kol 3:12), jgħallem San Pawl. Imma dawk li jsibu 'l Kristu, iżommuh u le jitilquh, bħalma għamlet l-għarusa ta' L-Għanja ta' l-Għanjiet (3:4), huma ftit. Il-maggor parti jitilqu minn taħt saqaf missierhom fejn hemm l-għożża u l-imħabba, u jagħżlu li jberbqu flushom f'ħajja mtajra (Lq 15:13), jixjieħu f'pajjiż barrani (Bar 3:10), meta proprjament l-ambjent li fih iridu jgħixu huwa Alla.

Ħafna nsara jew jgħixu fid-dnub, 'il bogħod mill-grazzja t'Alla, qishom frieġħi maqtugħin miż-żokk tad-dielja li jinxfu u jmutu (Ġw 15:4.6), jew inkella jgħixu fil-grazzja t'Alla għal ftit ħin jew għal ftit żmien minħabba l-fatt li jinqalgħalhom l-għawg u malajr jitfixklu u jitilfuha (Mt 13:21).

F'kemm ili ngħidlek iwarrbu mit-triq li jkun uriehom il-Mulej għax ikunu tilfu rashom wara xi idolu bħalma għamlu l-Lhud fid-deżert (Eż 32:8; S.78 (77):30). Tarahom jigru u jissaħħru wara d-dnub li l-Kotba Mqaddsa jgħodduh bħala bluha, gidba (S. 4:2; Rum 1:21.25), xejn (Ġer 2:11).

Iva, xi wħud mill-insara ta' llum jitilfu daqslikieku xejn il-grazzja t'Alla, iduru lejn allat oħra u jħobbu l-ftajjar taż-żbib (Ħos 3:1) kif kienu jagħmlu l-Lhud meta kienu joffruhom lill-alla mara Asera, il-mara ta' Bagħal, meta kienu jmorru jżuruha fit-tempju pagan tagħha.

Oħrajn il-grazzja t'Alla jxekkluha b'ħafna difetti, nuqqasijiet u dnubiet venjali. Kollox sew ma jagħmlux dnubiet li jwasslu għall-mewt (1Ġw 5:16), imma d-dnubiet żgħar li jagħlqu għajnejhom għalihom u jagħmluhom daqslikieku xejn, għandhom tagħhom fil-ħajja spiritwali tagħhom. Il grazzja t'Alla qisha

l-magna ta' arlogg fin u soffistikat li anki l-iċken għabra ttelliflu l-funzjoni tiegħu.

L-imgħammdin suppost jgħassu fuqhom infushom u jkunu ġenerużi billi jevitaw saħansitra dnubiet venjali. B'hekk il-grazzja tas-sagrament tal-bidu tasal bil-mod il-mod għall-estremitajiet tagħha. Kien għalhekk li l-Mulej Ġesù qal li qabel wieħed jiddeċiedi li jimxi warajh irid iqis in-nefqa (Lk 14:28). Fil-każ ta' dawk imdorrijin iqerru dnubiet żgħar minn żmien għal żmien, il-frott xieraq ta' l-indiema (Mt 3:8) ħafna drabi ma jkunx jidher. Hekk tidher il-ħajja ta' ħafna mill-insara li jersqu għas-sagrament tar-rikonċiljazzjoni ta' spiss.

Mara xiħa wara li tkun ilha ħin twil titlob fil-knisja f'għodwa kiesħa, meta tiddeċiedi li tħalli l-knisja u tingabar id-dar, malli tasal ħdejn l-antiporta tal-knisja tigbor ix-xall tagħha u tgezzu magħha. Imbagħad titlaq tigri lejn darha biex is-sħana li tkun kisbet bin-nifs sħun tan-nies kemm damet fit-tempju t'Alla, ma titlifhiex. Malli wieħed jikseb l-grazzja t'Alla mill-ġdid, jew jissedaq fiha bi qrara tajba, irid jgħożżha, jibża' għaliha biex ma jitlifhiex bid-dnub il-mejjet, jew idgħajjifha bid-dnub il-venjal.

Il-grazzja t'Alla m'hiex ċajta. Hi mprezzabbli (Mt 9:2.5-6). Ħafna jitilfuha għax ma għandhomx idea ċara tagħha. Ara l-flus għax jafu x'inhuma joqogħdu attenti biex ma jitilfuhomx u biex ħadd ma jisraqhomlhom!

## MANIJI FOST

**Mulej, agħmel li qatt ma nitlef il-grazzja tiegħek għal xi kapriċċ, imma għinni ħalli ngħożżha kemm niflaħ bħala l-aqwa ġid li jista' jkolli.**

## XI NSARA

Hawn ċerti mgħammdin li fil-mixja tagħhom wara l-Mulej Ġesù juru iżjed superstizzjoni milli twemmin, iżjed maniji milli moħħ f'saħħtu psikoloġikament. Ċerti espressjonijiet li jissemmew minn żmien għal ieħor tgħidx kemm idoqqulhom u jġennuhom. Dawn l-espressjonijiet jingabru f'dawn il-kelmiet: dehriet, demm, pjagi, rivelazzjonijiet privati... Issa xi wħud semgħu bil-kelma indulġenzi mogħtijin x'aktarx mill-Papa għall-okkażjoni tal-mija u ħamsin sena minn mindu l-Madonna bdiet tidher lil **Santa Bernardina Soubirous** fil-grotta ta' Massabielle, fil-Pirinej, u l-kelma indulġenzi tgħidx kif tilfitilhom sensihom u ħajjithom.

Xi wħud, l-aktar dawk li



jiffrikwentaw ċerti gruppi ta' talb, malli semgħu l-kelma indulġenzi bdew jikkonsultaw saċerdoti biex jaraw jaqduhomx għal sessjonijiet ta' qrar. Bil-kelma indulġenzi tathom rashom għax għarxitilhom widnejhom u daqqitilhom sabiħ. Tiskanta x'qawwa u x'dinamika psikoloġika għandhom ċerti nomi fuq is-*psyche* tal-poplu! Kif jigru bih.

Ma ngħidx li dawn l-insara qed jagħmlu ħażin li ħallew il-kelma indulġenzi tagħmel bihom daqshekk. Lanqas ngħid li dawn huma nies moħħhom ħafif. Ngħid biss li jekk dawn qed iħallu dawk il-kelmiet biss ikaxkruhom warajhom, għax għandhom ċertu interess għalihom, u kelmiet oħra bħal appostolat, impenn soċjali, paċi, maħfra ta' l-għedewwa donnhom qtar ta' l-ilma li jaqgħu fuq gwienaħ il-papra bla ma jippenetraw, dan ħażin u allarmanti fl-istess ħin.

Għaliex xi wħud iqumu fuq tagħhom meta jisimgħu l-kelma dehra, demm, dmugħ, pjagi, rivelazzjoni privata, u meta jisimgħu l-Papa jikellem fuq il-ħidma fil-Knisja u dwar valuri oħrajn jibqgħu indifferenti, kelmtu ma ċċaqlaqhomx, ma ddoqqilhomx, ma ssuqhomx biex jieħdu azzjoni?

Meta jigri hekk dawn in-nies jagħmlu tajjeb jirriflettu għandhomx dehwa bla rażan wara xi fatt, ħsieb jew għemil. Ikunu tassew bi l-għaqal jekk jeżaminaw lilhom infushom biex jaraw għandhomx xi dispożizzjoni esaġerata, fissazzjoni fuq xi suġġett. Fil-każ iridu jaraw x'jagħmlu, għax ikunu f'sitwazzjoni perikoluża psikoloġikament. •

**Mulej, agħmel li bħala nisrani, fi -ċirkostanzi tal-ħajja tiegħi ngħix il-kelmiet li ħargu minn fommok, meta għedtilna: "Dawn kien imisskom tagħmlu, bla ma tħallu l-oħrajn barra" (Mt 23: 23).**



# XI TFISSER LI TKUN OMM?

F'Mejju niċċelebraw ġurnata speċjali ddedikata għall-ommijiet kollha – Jum l-Omm. L-Ommijiet jingħataw attenzjoni kbira f'dan il-jum, għax l-omm, bħall-missier, għandha vokazzjoni unika fil-familja.

Sa minn meta tarbija tiġi kkonċeputa fil-ġuf ta' mara, u din il-mara ssir omm, isir tibdil totali fiha, mhux biss fiżiku, iżda wkoll emozzjonali u psikoloġiku. Ma tibqax aktar tqis ruħha bħala persuna waħedha, iżda mill-ewwel tibda taħseb fil-ħajja l-ġdida li qed tikber fiha.

Meta ħames snin ilu jiena kont tqila bit-tifla tiegħi, sa mill-bidu kont nistagħġeb bil-miraklu kbir li kien qiegħed isir ġewwa fija. Meta t-tqala bdiet tidħol il-ġewwa u kont inħoss jew nara ċ-ċaqliq ta' din it-tarbija fil-ġuf tiegħi, kont bħal donni nara l-immensità tal-ħajja b'mod aktar ċar. Ħsibijieti kienu jmorru lejn xi ħadd aktar ogħli li kien qed jagħtini sens ta' xi ħaġa kbira, misterjuża, Divina.

Spiss kien jiġini f'moħħi l-frażi mill-Iskrittura: **"U Alla ħalaq il-bniedem"**.

Matul id-disa' xhur li t-tarbija tqatta' fil-ġuf ta' ommha, qabel tara l-ewwel dawl tad-dinja, tibda l-ewwel 'bond' bejn l-omm u t-tarbija. It-tarbija sa mill-ġuf mhux biss ikollha bżonn li tiekol biex tikber b'saħħitha, iżda wkoll li tħossha maħbuba u aċċettata minn ommha. Din l-imħabba, tkompli tilħaq il-qofol tagħha meta t-tarbija titwieled. Ma tistax tikber f'saħħitha b'mod sħiħ jekk l-omm tagħtiha biss tiekol. Trid tkun preżenti magħha emozzjonalment, bl-imħabba, f'kull stadju tal-ħajja li din il-persuna ġdida tkun fih.

Fil-ktieb tagħha My Role As a Mother, A.M. Zanzucchi tgħid: ***"...especially in their earliest years, children are like putty in our hands. Their development depends on how we treat and educate them."*** Dan ifisser li t-tfal għandhom bżonn li jiġu mgħallma ċerti valuri sa minn ċkunithom u jingħataw s-support li jeħtieġu sakemm jikbru.

Għalkemm f'dan l-artiklu qed tiġi emfassizzata l-vokazzjoni ta' l-omm fil-familja, ma jfissirx li l-vokazzjoni tal-missier mhix importanti. Anzi, tajjeb li niftakru li dak li l-omm tkun kapaċi tagħti lil uliedha, jiddependi ħafna mir-relazzjoni li jkollha ma' żewġha. Jekk minn din ir-relazzjoni tirċievi support, ferħ, imħabba u paċi, huma dawn il-kwalitajiet sbieħ li tkun kapaċi tgħaddi lil uliedha. Jekk għall-kuntrarju l-omm ma tirċievi xejn ħlief frustrazzjonijiet u nuqqas ta' paċi, dan se jħalli effett negattiv fuq l-omm li jiġi awtomatikament mgħoddi lit-tfal. It-tfal bħal karta xuga, jixorbu din it-tensjoni u din tista' tirrifletti wkoll fl-imġiba tagħhom, kemm id-dar kif ukoll l-iskola. Peress li, kif nafu, it-trobbija tat-tfal mhix dejjem faċli, anzi pjuttost tista' toħloq stress, tajjeb li l-omm tieħu ħsieb tagħha nnfisha biex tevita li tant tgħejja mentalment - dik li jsejjħulha *'burn out'*- li ma tkunx tiflaħ tagħti iżjed! Meta biċċa lastiku tinġibed ħafna ma tkunx tista' tmur lura għal forma oriġinali tagħha. Hekk ukoll meta

l-omm tagħti biss u ma tieħu xejn – ma ssibx ftit ħin għaliha kuljum fil ġurnata biex tistrieħ – tista' tasal fi stat gravi ta' dipressjoni fejn la jkollha saħħa u lanqas motivazzjoni biex tkompli tagħti support lil uliedha. Ħadd ma jista' jagħti minn dak li m'għandux!

L-ommijiet li huma perfezzjonisti, bħali, ma tantx isibuha faċli biex isibu ftit ħin għalihom kuljum; imma importanti li jagħmlu dan għax jekk le jkunu qed jagħmlu aktar ħsara milli ġid. Per eżempju jiena, meta t-tifla tkun rieqda jew ikun qiegħed jieħu ħsibha r-raġel, għandi t-tendenza li nkompli bix-xogħol tad-dar, minflok nistrieħ. Imbagħad ninduna li malajr nibda nitlef il-paċenzja mat-tifla jekk inkun għajjejt. B'hekk inkun qed inħobbha inqas.

Dan juri li l-omm trid tkun ftit egoista biex tkun altruista. X'jiġifieri? Jiġifieri li kuljum taħseb x'tista' tagħmel biex tistrieħ f'xi ħin tal-ġurnata; kif ukoll tara li qed tiekol dieta tajba u tagħmel eżerċizzju regolari. Dan imbagħad jgħin biex terġa' takkwista l-enerġija biex tkun tista' trabbi lil uliedha b'mod sħiħ; b'mod speċjali billi tkun preżenti emozzjonalment għal uliedha. Issib il-ħin biex tismagħhom wieħed wieħed. B'hekk tkun tista' toħroġ il-veru persuna li jkun hemm f'uliedha u tgħinhom jilħqu l-potenzjal kollu tagħhom.

Barra l-potenzjal f'uliedha, tajjeb li l-omm tkun ukoll kapaċi tagħraf id-difetti u l-limitazzjonijiet tagħhom. Xi difetti jistgħu jkunu: l-għażż, l-għira, is-suppervja jew l-egoiżmu. Aktar ma l-omm tinduna malajr b'dawn id-difetti u tipprova tikkoreġihom minn kmieni, ma jilħqux irabbu l-għeruq fil-personalità ta' wliedha. Jekk jiġri dan imbagħad, ikun aktar diffiċli biex it-tfal jinbidlu. Tkun qisek qed tipprova tgħawweġ il-ħadid! Irridu niftakru wkoll li kull omm Nisranija għandha d-dmir li tagħraf l-iżbalji ta' wliedha biex tmexxihom fuq il-passi ta' Kristu; bħal ma wkoll għandha d-dmir li tkun mudell għalihom billi tgħix tajjeb hi.

Hemm ukoll il-limitazzjonijiet tat-tfal li l-omm għandha wkoll tkun kapaċi tagħraf; bħal ngħidu aħna nuqqas ta' intelliġenza li tfixkilhom milli jimxu 'l quddiem fl-iskola. Għalkemm hemm ċans kbir li l-ommijiet ta' dawn it-tfal jħossuhom imweġġa' jew inkwetati, jagħmlu aktar ħsara jekk jagħmlu pressjoni żejda fuq uliedhom u ma jaċċettawhomx kif inhuma. Meta t-tfal iħossuhom iġġudikati u mhux aċċettati, hemm aktar ċans li jmorru lura flok 'l quddiem. Li taċċetta t-tfal kif inhuma ma jfissirx b'mod passiv; jiġifieri ma jfissirx li ma tipprova tagħmel xejn biex tirranġa s-sitwazzjoni. Ngħidu aħna jekk taf li t-tifel ħa jitgħallem aktar bl-istampi u l-kuluri, bħal ma huma l-'*visual learners'* kollha, trid tuża' dan il-mod ta' tagħlim mat-tifel, anki jekk forsi mhux kif jitgħallmu l-bqija tal-klassi. Importanti wkoll li tiffoka fuq il-pożittiv; fuq x'kapaċi jagħmel it-tifel mhux x'mhux kapaċi jagħmel. Punt ieħor importanti ħafna hu li l-omm titgħallem tħalli t-tfal tagħha jikbru. L-omm li tkun protettiva żżejjed; li ma tħalli t-tfal jagħmlu xejn li ma jmurux iweġġgħu, tkun biss qed tagħlaq lil uliedha f'bozza u ma tkun qed tippreparhom xejn għall-ħajja reali ta' barra.

Meta dawn it-tfal isiru adulti mbagħad hemm aktar ċans li jkollhom problemi psikoloġiċi. Ikunu aktar dipendenti, ma jkunux kapaċi jieħdu deċiżjonijiet waħedhom, ikunu aktar anzjużi, inqas kunfidenti fihom infushom u jibnu ċerta llużżjoni tal-ħajja. Jaħsbu li fil-ħajja kollox miexi fuq ir-rubini u meta jibnu l-familja tagħhom u jiltaqgħu ma' l-ewwel ostaklu jieħdu l-akbar qatgħa ta' ħajjithom! Jindunaw li fil-ħajja ma ssib xejn lest jekk ma taħdimx għalih, kif kienu jsibu fid-dar ta' ommhom! Din l-iskoperta mbagħad twassal għal delużżjoni li tista' ġġib magħha d-dipressjoni u problemi kbar matrimonjali. Dan l-eżempju hu eżatt bħal meta għasfur żgħir li qiegħed f'bajda li waslet biex tfaqqas, ma jħalluhx li jkisser il-bajda waħdu. Huwa fatt li jekk xi ħadd jipprova jkisser il-bajda għall-għasfur, dan imut. L-għasfur irid jitħabat waħdu biex joħroġ mill-bajda, għax b'din ir-responsabbiltà biss jissaħħaħ biex ikun jista' jgħix fil-ħajja ta' barra.

Fl-aħħar u mhux l-inqas, l-omm Nisranija għandha timxi fuq l-eżempju tal-Madonna, l-Omm tagħna lkoll. Marija tgħallmet tafda lil Alla f'kollox. Kienet iżżomm f'qalbha l-ħwejjeġ li ma tifhimx u tħalli lilu jmexxiha; anki jekk dan ħafna drabi wassalha għas-sofferenza. Bħala ommijiet umani hi ħaġa naturali li nsofru ħafna meta wliedna jgħaddu minn ċerti kriżijiet, bħal ma huma: l-mard, konflitti mal-ħbieb jew problemi oħrajn. Insofru magħhom għax inħobbuhom u nixtiqulhom kull ġid. Iżda f'dawn il-mumenti rridu niftakru li Alla kapaċi jħobbhom iżjed minna stess. B'hekk irridu nitgħallmu nitilquhom f'idejh – dik li Zanzucchi fil-ktieb ***My Role As A Mother*** tirreferi għaliha bħala ***'knowing how to lose our children in God'***. Alla jafhom wieħed wieħed. Ħalaqhom kif inhuma u jħobbhom kif inhuma! U għandu pjan ta' mħabba għal kull wieħed u waħda minnhom; pjan li jekk jimxu miegħu jwassal għall-paċi u l-kuntentizza tagħhom. Ejjew nipprovaw nafdawh iżjed lil Alla u jkollna moħħna mistrieħ li fejn ma naslux aħna se jasal hu, għax isem uliedna hu mnaqqax fuq il-pala ta' jdejh!

**Awguri għal Jum l-Omm.** •



# IL-PELLEGRINAĠĠ SAN DAMIANO







**Kważi wasalt Assisi, imma ftit qabel naslu hemm fuq, il-coach tieqaf u jien ninżel u nimxi matul triq bis-siġar taż-żebbuġ mal-ġnub tagħha li twassalni sal-kappella ċkejkna u l-monasteru ta' San Damiano fejn**

- beda l-vjaġġ ta' Franġisku
- sama' l-kurċifiss isejjaħlu
- kien l-ewwel monasteru tas-sorijiet Klarissi;
- ġie Franġisku meta kien marid, u
- kanta l-Għanja tal-Ħlejjaq
- mietet Klara.

F'San Damiano nsib il-kariżma ta' Franġisku u Klara. Franġisku rċieva l-Ispirtu s-Santu għall-ewwel darba fil-fonti tal-magħmudija fil-katidral ta' San Rufino, imma kien f'dan il-post fqir li ltaqa' ma' Alla. Waħdu, f'kappella nofsha mġarrfa, inxteħet għarkobbtejh, ifittex lilu nnifsu, ifittex lil Alla. ***"Mur, Franġisku, sewwi l-Knisja tiegħi,"*** u għalkemm ma fehemx sew, ħareġ jiġri minn hemm ferħan se jtir, jixtieq iwassal l-aħbar tiegħu lil kulħadd... ferħan għax hemm ġew sab l-imħabba.

Nidħol fi kjostru żgħir mal-ġenb tal-knisja, bis-sardinell u l-ġeranji fil-qsari tal-fuħħar madwar il-bir. Dan kien il-kjostru ta' Klara u s-sorijiet tagħha. Minn hawn huma setgħu jaraw il-muntanja Subasio, imma ma kinux jitilgħu mal-ġnub tagħha. Il-vjaġġi tagħhom kienu dawk tal-qalb, vjaġġi li wassluhom għand Alla kif ukoll għand Franġisku u l-aħwa fl-eremitaġġ tagħhom fuq is-Subasio, fl-ispirtu. Fil-bidu kien Franġisku li ħajjar lil Klara tgħix din il-ħajja ta' faqar, meta hi ħolmot l-istess ħolma tiegħu. Imma fil-monasteru ċkejken ta' San Damiano ltaqgħet ma' dinja ġdida ta' mħabba bil-preżenza ta' Ġesù. Fi Franġisku kienet sabet l-għajnuna li kellha bżonn biex tagħżel il-vjaġġ tagħha. Issa l-Mulej tagħha kien dejjem magħha, tiltaqa' miegħu kuljum f'kontemplazzjoni profonda. U qalbha nfetħet biex tilqa' lil Franġisku u lill-aħwa, lis-sorijiet, lin-nies tal-belt, jgħixu f'din l-imħabba hekk kif il-ġeranji jieħdu l-ħajja mill-ilma li ma jaqta' xejn tal-bir.

F'San Damiano nsib il-kariżmi tal-kontemplazzjoni u tal-fejqan ta' Klara. Ngħaddi mis-santwarju ċkejken u nidħol fil-kor fejn Klara u sħabha kienu jitolbu flimkien. Imbagħad minn hemm nitla' taraġ wieqaf u dejjaq u ngħaddi minn ħdejn bieb antik li jagħti għal fuq il-ġnien ċkejken ta' Klara. Ftit 'il hemm insib il-kappella żgħira li tagħti għad-dormitorju fejn kienu jorqdu Klara u s-sorijiet. Hawnhekk għaddiet ħafna żmien marida Klara, u hawn ukoll ħabbet u tat l-għajnuna tagħha lis-sorijiet li kien ikollhom bżonnha. Hawn mietet Klara.

Fit-tarf, mal-ħajt tad-dormitorju, nara l-bieb minn fejn Klara dohrot bl Ewkaristija f'idejha meta s suldati merċenarji ta' Federiku kienu qegħdin jassedjaw il-monasteru. Il-qawwa tagħha ħaditha mill-Ġisem ta' Kristu stess. U dan hu ċ-ċentru ta' l-ispiritwalità ta' Klara u Franġisku t'Assisi.

Noħroġ mill-portiku ta' San Damian u nħares lura lejn il-faċċata tal-knisja. Hemmhekk nilmaħ il-bieb ta' l-injam lejn ix-xellug tat-tieqa tonda li tista' tasal għalih minn ġewwa biss. Nimmaġinah jinfetaħ u f'nofsu titfaċċa Klara b'Ġesù Ewkaristija f'idejha. U jien u sejra lura lejn Assisi, inġorr il-messaġġ tagħha miegħi. •



# IL-KURĊIFISS TA' SAN DAMJAN (3)

## IL-PJAGI

Il-Pjagi ta' l-idejn, is-saqajn u l-ġenb ta' Ġesù saru għejjun li jnixxu d-Demm tal-Ħaruf t'Alla bl-abbundanza. Huwa d-Demm tal-patt il-ġdid li rebaħ għalina salvazzjoni eterna (Lhud 9:12). Iż-żewġ Anġli (wieħed fuq kull naħa tas-Salib) qegħdin iħarsu b'attenzjoni kbira lejn il-pjagi li Ġesù għandu f'idejh. Erba' Anġli (tnejn taħt kull driegħ) jidhru jistagħġbu quddiem id-dehra tad-Demm li xerred l-Iben t'Alla ewlieni u b'idejhom qishom qegħdin jannunzjaw, quddiem il-qabar miftuħ (l-istrixxa sewda taħt id-dirgħajn ta' Ġesù), il-Qawmien mill-imwiet u t-Tlugħ is-sema tal-Mulej lil dawk kollha preżenti. Id-Demm tal-fidwa jinżel b'mod abbondanti fuq l-Anġli u l-qaddisin, fuq Marija u ċ-Ċenturjun (mill-idejn); fuq il-Qaddisin (mis-saqajn) u fuq San Ġwann (mill-kustat tal-lemin ta' Ġesù).



Innota li d-demm ħiereġ min-naħa tal-lemin skond tradizzjoni antika (meħuda minn Evanġelju apokrifu fis-Sirja tas-sitt seklu A.D.) u wkoll il-pożizzjoni tal-ferita kif narawha fil-liżar ta' Turin. Mingħajr ma nidħlu fl-argument jekk il-ferita mil-lanza kinitx fuq il-lemin jew ix-xellug, f'din l-ikona, in-nixxiegħa ta' demm u ilma mill-kustat tal-lemin ta' Kristu, żgur tfakkarna fix-xmara ħierġa minn taħt in-naħa tal-lemin tat-Tempju fil-ktieb tal-profeta Eżekjel (Kap. 42). L-ilma ħiereġ bħal xmara minn taħt it-Tempju jagħti l-ħajja lill-ħolqien kull minn fejn jgħaddi u s-siġar jagħtu l-frott tagħhom b'abbundanza straordinarja.

## IL-KARATTRI TAĦT DIRGĦAJN ĠESÙ

M'hemm ebda problema dwar l-identità tal-persunaġġi taħt dirgħajn Ġesù: il-pittur niżżel isimhom taħt riġlejhom. Mix-xellug insibu lil Marija, Ġwanni, Marija Maddalena, Marija omm Ġakbu u ċ-Ċenturjun. Din il-preżentazzjoni glorjuża tal-passjoni narawha wkoll fl-atteġġjament tal-persuni li huma l-aktar qrib ta' Kristu. L-ewwel ninnutaw li Marija u Ġwanni huma t-tnejn fuq il-lemin ta' Ġesù, li fl-orjent tfisser post ta' unur. Is-salmista jgħid: **"F'lemintek is-Sultana mżejna b'deheb ta' Ofir"** (Sal 45:10). Huwa l-Evanġelju skond San Ġwann biss li jsemmi lil Marija u Ġwanni flimkien taħt is-Salib (Ġw 19:26) u hawn naraw lil Marija tindika lil Ġwanni b'idha l-leminija u b'hekk tfakkarna fil-mument preċiż meta Ġesù jgħid lill-ommu, **"Mara, hawn hu ibnek"**. Minkejja l-fatt li kemm Marija u Marija ta' Magdala għandhom idhom ix-xellugija ma' ħaddejhom bħala sinjal ta' tiġrib, ħadd minn dawk taħt is-Salib ma għandu espressjoni ta' niket kbir – pjuttost juru fidi qawwija fi Kristu rebbieħ, Redentur u Feddej. Taħt l-id ix-xellugija ta' Ġesù nsibu lil Marija ta' Magdala u Marija mart Kleofa li kienu preżenti taħt is-Salib (Ġw 19:25) u kienu anki l-ewwel xhieda tal-qawmien mill-imwiet skond l-Evanġelju ta' San Luqa (Lq 24:10). Fuq il-lemin tagħhom hemm iċ-Ċenturjun iħares lejn Ġesù b'idu mgħollija lejh jgħid, **"Dan kien tassew Bin Alla!"** (Mt 27:54; Mk 15:39; Lq 23:47). Fuq spallejn iċ-Ċenturjun tidher ras ta' persuna ċkejkna li ma nafux fiċ-ċert min hi. Probabbilment tirrapreżenta lil bin iċ-Ċenturjun li kien imfejjaq minn Ġesù, iżda jista' jkun ukoll kemm il-pittur innifsu jew rappreżentant tal-ġemgħa miġbura taħt is-Salib. Ħdejn saqajn Marija naraw suldat bil-lanza twila li biha nifed ġenb Ġesù, li skond it-tradizzjoni, kien jismu Longinus. Is-suldat li nsibu n-naħa l-oħra, ħdejn saqajn iċ-Ċenturjun, huwa dak li għolla l-isponża mxarrba bil-ħall. Dejjem skond it-tradizzjoni, dan kien jismu Stepaton. Dawn iż-żewġ persuni qegħdin iħarsu lejn il-Kurċifiss.

## IL-KITBA FUQ RAS ĠESÙ

Fuq ras Ġesù naqraw din il-kitba: IHS NAZARE REX IVDEORV, li tfisser Ġesù (IHS - l-ewwel tlett ittri mill-isem Jesus bil-Griek), NAZARE(NUS) REX IVDEORV(M) Nazzarenu, Sultan tal-Lhud. Dan l-isem insibuh biss fl-Evanġelju skond San Ġwann – it-tlieta l-oħra jħallu barra l-kelma **"Nazzarenu"**. Bil-fatt li hawn jissejjaħ ukoll **"Nazzarenu"**, San Ġwann irid jafferma l-umiltà profonda li Ġesù libes qabel ma ġie glorifikat – in-nies ta' Nazareth ma kinux meqjusin verament Lhud. Infatti fi Ġw 1:46-49 Natanjel, wara li jgħid li xejn tajjeb ma jista' joħroġ minn Nazaret, jesklama **"Rabbì, int l-Iben t'Alla, inti is-Sultan ta' Iżrael!"** •



# MARA. QATTUS. TIFEL.

"... Meta ibni kellu tmintax-il xahar, ħsibt, li barra x-xogħol inkompli bl-istudji tiegħi li kont ħallejt meta twieled Mario. Erġajt bdejt nattendi l-Università. Kont nintasab bil-qiegħda n-naħa ta' wara biex ma ntellef lil ħadd, l-aktar meta kien ikolli nieħu miegħi lil Mario. Il-professur kien jagħtini daqqa t'għajn bla ma jgħid ebda kelma, filwaqt li sħabi kienu jħarsu lejja bħallikieku jridu jistaqsuni għaliex. Mario kien tifel kwiet u kien jorqod. Kien ikun qisu anġlu. Kultant kont nagħtih daqqa t'għajn. Kienu jiġu mumenti meta kont nitħassru li se jikber bla missier."

Dawn huma ftit mill-ħsibijiet li Clementina, omm żgħażugħa, kienu ta' spiss jiġuha quddiem għajnejha. Alfred kien telaqha hekk kif sar jaf li kienet se jkollha tarbija. Ma deherx aktar minkejja li kien dejjem jgħidilha li kien iħobbha.

Clementina ma kellhiex tqala ħafifa, tant li ommha ħajritha biex terġa' tmur toqgħod magħhom ħalli tkun tista' tgħinnha. Iżda Clementina dehrilha li dan ma kienx meħtieġ. Kienet saret taf tapprezza l-indipendenza tagħha minkejja li ddispjaċiha li ma stennitx li tiżżewweġ biex issir omm. L-appartament li kienet toqgħod fih kienet ħallitulha nannitha u dehrilha li ma kellhiex tħallih. Fuq kollox kienet baqgħet tittama li Alfred jibdielu u jerġa' jitfaċċa. Anki hi kienet tħobbu u qabel telaq, it-tnejn kienu qed jaħsbu li jingħaqdu fiż-żwieġ.

Il-ġimgħat u x-xhur gerrbu u t-tarbija twieldet. Mario kien tifel

sabiħ u meta Clementina żammitu f'dirgħajha għall-ewwel darba, il-ferħ tagħha kien kbir u ma setgħetx tifhem kif Alfredo kellu l-ħila jabbandunaha.

Wara ftit ġimgħat mit-twelid ta' Mario, Clementina reġgħet bdiet tmur għax-xogħol għax issa mhux biss riedet taħseb għaliha nfisha, imma kellha ħlejqa oħra għal min taħseb. Ommha kienet tgħinnha billi għal xi ġranet kienet tieħu ħsieb lil Mario. Imma kellha wkoll baby sitter li magħha setgħet tafda li binha.

Iżda t-tfal kultant kapriċċużi, u kienu jiġu ġranet li Mario ma kienx ikun irid jibqa' d-dar mingħajr ommu. Iddeċidiet li sakemm jibda jattendi l-kindergarten, tibda tieħdu magħha l-Università. Ħdejha, fuq in-naħa ta' wara, kien joqgħod John, akbar minnha sewwa fl-età, li wiċċu kien jixgħel hekk kif jaraha dieħla. Sikwit kien imelles xahar it-tifel li ma kienx joqgħod lura milli jċarratlu ħalqu fi tbissima mill-isbaħ. Bla dubju lil Clementina, għalkemm b'ċerta mistħija, kien iżelqilha xi kelma wkoll.

Darba minnhom lil Clementina qalilha: ***"Ma naħsibx li hi ħaġa faċli li taħdem, tistudja u tieħu ħsieb tifel żgħir." "Nagħmel li nista,'"*** kienet pronta twieġbu. U żiedet tgħidlu li t-tifel ma jdumx ma jibda jmur il-kindergarten.

Għall-ewwel ġranet, Mario reġa' beda jagħmel il-kapriċċi u juri li ma jridx joqgħod mingħajr ommu, iżda din id-darba Clementina ma ċeditx. Kienet tagħmel ftit tal-ħin ħdejn il-bieb, imbagħad kif tarah qed joqgħod f'postu u jambjenta ruħu, kienet titlaq. Is-sitwazzjoni tjiebet u Mario dara jmur l-iskola u jiltaqa' ma' sħabu tfal żgħar bla problemi. Il-ħbiberija bejn Clementina u John kibret ukoll u Clementina sabet fih ħabib ta' veru. Rat li kien bniedem sinċier u aċċettat l-għajnuna tiegħu. Kienet tħossha komda miegħu. Kienet tafdah u anke tiftaħ qalbha miegħu. John ukoll. Fuq kollox, John kellu d-dinja b'Mario. Darba minnhom, hekk kif kienet waħedha d-dar (Mario kien qiegħed man-nanniet għal passiġġata), ħabbat il-bieb u hekk kif fetħet, sabet lil John ma' wiċċha. F'dirgħajh kellu qattus żgħir. Qalilha li kien sabu waħdu fit-triq, beża' li ttajru xi karrozza, ġabru u ġabulha biex jagħtihulha. Clementina kienet tħobbhom ħafna l-qtates u ferħet bih. M'hemmx għalfejn wieħed jgħid kemm feraħ bih ukoll Mario.

Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, aktar John beda jinġibed lejn Clementina. Hi, min-naħa tagħha, ma kenitx toqgħod lura li turih li lilha wkoll kien jogħġobha. Il-ġenituri ta' Clementina ma tantx kienu kuntenti b'din ir-relazzjoni ta' binthom għax id-differenza fl-età bejnha u bejn John kienu jarawha kbira. Iżda Clementina kienet konvinta mill-imħabba ta' bejniethom u kienet deċiża li ma tħalli lil xejn u lil ħadd jidħol bejniethom. Hija kienet tħoss ukoll li l-imħabba ta' John lejn Mario kienet sinċiera. U dan għaliha kien importanti ħafna.

Jum fost l oħrajn, hekk kif waslet lura d dar wara passiġġata b'Mario, ċempel it-telefon. Il-leħen li ġie mit-tarf l-ieħor m'għarfitux sakemm qalilha li kien Alfred. Kien għadda ħafna żmien minn meta tkellmu l-aħħar darba. Qalilha li kien qiegħed fil-karrozza wara l-bieb u li xtaq ikellimha. Stednitu jitla' fuq u fetħitlu. Hekk kif ra lit-tifel, Alfredo skanta kemm kiber u filwaqt li talabha taħfirlu li kien telaqha bħall-Erbgħa fost il-ġimgħa, qalilha li hu kien għadu jħobbha u li kien lest jerġa' jibda mill-ġdid. Ipprova jerfa' lil Mario biex iħaddnu miegħu, iżda Mario beda jibki u jixher, isejjaħ lil ommu u jinġibed lejha.

Minn banda Clementina ddispjaċiha li Mario rrifjuta lil missieru, iżda fehmet li għal Mario, Alfred kien barrani. Hija ma reditx tweġġgħu lil Alfred, iżda ma setgħetx ma tgħidlux il-verità. Qaltlu li għamlet sena sħiħa tittama u tistennih ġej lura; issa qalbha tatha lil ħaddieħor għalkemm lilu mhux se ċċaħħdu milli jara lil ibnu meta u fejn irid.

Alfred ma setax jibqa' jinsisti għax ra li kien kollu għalxejn. Lil Clementina kien jafha biżżejjed. Kien jaf li fehmitha ma tbiddilhiex kif ġieb u laħaq. Kien jaf li l-iżball kien kollu tiegħu meta m'għarafx jerfa' r-responsabbiltà tiegħu ta' missier. Irringrazzjaha li kienet se tħallih jara lil ibnu, sellmilha u telaq.

Clementina kienet ċerta mill-imħabba ta' John lejha u lejn binha, u meta ftit tal-ħin wara, John staqsiha għaliex kienet tidher inkwetata, mill-ewwel qaltlu biż-żjara ta' Alfred. John qalilha illi jekk għaliha ċ-ċirkustanzi tbiddlu, hu kien lest li jwarrab mix-xena u jħalliha libera ma' Alfredo. Iżda hi weġbitu li Alfred kien episodju tal-passat; li kienet se tiftakar fih biss bħala missier binha u xejn iżjed.

Dak il-ħin John, ferħan se jtir, reġa' wiegħedha solennement li hi kellha tkun l-imħabba tiegħu għal dejjem; li ried jiżżewwiġha biex flimkien irabbu lil Mario u jkabbru l-familja. Għannaqha miegħu bħal ma qatt kien għannaqha qabel. Hekk kif rahom it-tnejn mgħannqin, Mario ġera lejhom. Refgħuh it-tnejn u tgħannqu t-tlieta. Anki l-qattus iswed ra li kellu jkun parti minn din ix-xena ta' mħabba sabiħa, u filwaqt li semma' leħnu mar jitrekken magħhom. Mellsuh u refgħuh ukoll.

Dak il-ħin John qal lil Clementina: ***"Ninsab ferħan. Ma jonsoqsni xejn. Għandi mara, qattus u tifel..."*** •



# DAL PREGARE AL FARE!

O Alla l-aktar għoli u glorjuż, dawwal id-dlamijiet ta' qalbi.

U agħtini fidi retta, tama ċerta u mħabba perfetta, sensittività u għarfien, Mulej, biex inwettaq il-kmandament tiegħek, qaddis u veru.

Amen.

Kif indikajt fl-artiklu tax-xahar li għadda, it-Talba quddiem il-Kurċifiss ta' San Damjan hija talba ta' petizzjoni, supplika, domanda, li fiha ż-żagħżugħ Franġisku, li kien jinsab fil-bidu tal-mixja ta' konverżjoni tiegħu, jitlob lill-Mulej żewġ affarijiet:

- ***" ... dawwal id-dlamijiet ta' qalbi ... ";***
- ***" ... agħtini fidi retta, tama ċerta u mħabba perfetta, sensittività u għarfien ... "***

F'dan l-artiklu se nippruvaw niflu flimkien kif dawn iż-żewġ xewqat ta' Franġisku jistgħu jagħtu kulur u profondità lit-talb ta' min ikun f'mixja ta' dixxerniment biex jiskopri Alla x'jixtieq minnu.

**(1)** Dlam, inċertezza, salib it-toroq, ħsibijiet, ... fl-istess ħin ġibda għat-talb, għas-solitudni, għal dik il-ħlewwa tal-laqgħa mal-lebbrużi: hekk, qalb Franġisku kienet tidbandal bejn il-morr u l-ħlewwa, bejn dlamijiet u dwal. Minkejja din it-taqliba eżistenzjali li kien qed iġarrab, Franġisku għaraf iħares lil hinn minnu nnifsu u jsejjaħ lil **"Alla l-aktar għoli"**, lil **Dak li hu "dawl u ebda dlam ma hemm fih"** (Ġw :5), konvint li hu biss seta' jdawwallu l-qagħda mħallta u oskura ta' qalbu. Faċli ħafna biex persuna li tkun qed tfittex serjament ir-rieda t'Alla tħoss qalbha titbandal bejn żewġ kurrenti opposti ta' dlamijiet u dwal, biża' u mħabba, inċertezza u fiduċja. Faċli ħafna biex f'mumenti bħal dawn dak li jkun jibqa' ffissat fuqu nnifsu u jipprova bl-isforzi tiegħu stess isib tarf ta' x'inhu jiġrilu. Iċ-ċavetta hija li ndawru l-ħarsa tagħna għal fuq il-Mulej, **"l-aktar għoli u glorjuż"**, u nħalluh jinvadina bid-dawl tiegħu. L-esperjenza ta' Franġisku tfakkarna li jekk inżommu ħarsitna fuqna nfusna negħrqu, jekk inħarsu lejh, ngħixu (Mt 14:30).

**(2)** Fit-tieni parti tat-talb, Franġisku jitlob biex jikseb it-tliet virtujiet teologali jew divini: fidi, tama u mħabba, it-tlieta li huma jikkwalifikahom b'aġġettiv: fidi retta, tama ċerta, imħabba perfetta. F'ambjent miżgħud b'kurrenti eretiċi jserrpu ma' kullimkien, Franġisku jitlob li jkollu fidi retta (ċara, safja, vera); hu li sa ftit qabel kien maħkum mit-tamiet illużorji ta' l-armi u l-kavallerija, issa ried jankra ruħu

f'tama ċerta li tinsab f' **"Alla l-aktar għoli"**; hu li kien għadu bit-togħma ta' dik il-ħlewwa divina li kien daq meta beda juri ħniena mal-lebbrużi (Testment 2-3) u li waħdu jaf kemm kellu jeħodha kontra tiegħu nnifsu biex juri mħabba lejhom, jitlob li jibda jħobb b'mod iktar perfett.

Żagħżugħ li jibda jħoss fil-fond ta' qalbu x-xewqa li jagħti ħajtu lil Alla fis-saċerdozju jew fil-ħajja reliġjuż jista' jagħmel tiegħu dawn ix-xewqat qaddisa ta' Franġisku: jitlob ċarezza fil-fidi tiegħu biex ma jċedix għall-ilħna ta' skuraġġiment, biża', qtigħ il-qalb, nuqqas ta' ħila li jibda jisma' fih innifsu jew ġejjin minn barra minnu; jitlob li jkun kapaċi jħares 'il barra minnu nnifsu, lil hinn mill-kwalitajiet u l-ħiliet tiegħu, biex jitgħallem iqiegħed it-tama tiegħu f'Alla biss (Salm 62:2.6) bħala l-uniku sigurtà u ċertezza assoluta; jitlob biex jekk se jħobb lil Alla, iħobbu b'mod perfett u mhux bil-biċċiet jew nofs kedda; jew kollox jew xejn!

F'għaqda ma' dawn it-tliet virtujiet, Franġisku jitlob li jkollu wkoll **"sensittività u għarfien"** (bil-Latin ***"sensum et cognitionem"***). ***Sensus*** tfisser il-ħames sensi li bihom nirrelataw mad-dinja: il-kapaċità li nara, li nisma', li nxomm, li ntiegħem u li mmiss. ***Cognitio*** tfisser il-kapaċità li nagħraf u nifhem. ***"Sensittività u għarfien"*** flimkien huma referenza għall-bniedem kollu fit-totalità tiegħu: il-ġisem u l-ispirtu/il-ħsieb. Fi kliem ieħor, din il-parti tat-talba nistgħu nesprimuha b'dan il-mod: ***"Agħmilni sensittiv għal dak li inti tixtieq minni, agħtini li b'kulma jien inħoss, immiss, nara, nisma' dak li trid int, nagħraf it-triq li minna għandi ngħaddi u li nifhem il-pjan ta' mħabbtek għalija."*** Fil-fatt, meta Alla jsejjaħ lil xi ħadd, normalment jikkonferma l-mixja interjuri li l-persuna tkun qed tagħmel b'konfermi anki esterni biex hekk jippermetti lill-individwu li jara, iħoss u, biex ngħid hekk, imiss b'idejh kemm is-sejħa hija tabilħaqq ġenwina. Niftakar żagħżugħ jgħidli kif, fiż-żmien meta f'qalbu kien qed iħoss is-sejħa tal-Mulej għall-ħajja reliġjuża, attenda għal konvivenza ta' talb li bla ma kien jaf it-titlu tat-tema tal-konvivenza kien, ***"Mulej, jien lest għalik."*** Kif sema' dan it-titlu ħassu bħal donnu miktub għalih u seta' jara, iħoss u jisma' kemm tassew Alla kien qed jagħtihielu bl-imgħarfa!

Dan kollu, Franġisku ma talbux għalih innifsu imma biss, kif jgħid fl-aħħar vers tat-talba, ***"biex inwettaq il-kmandament tiegħek, qaddis u veru."*** Iva, it-talb magħmul bi spirtu ġenwin u sinċier suppost iwassalna biex nagħmlu l-qabża, biex nagħtu l-pass... ***dal pregare al fare!*** •

POEŻIJA

# "SABIĦA L-ĦAJJA: INGAWDUHA!"

minn Kav. Joe M. Attard

O kemm hi sabiħa l-ħajja,
Allura għax ma ngawduhiex!
Ejjew nagħmlu l-almu tagħna
Sabiex ma neqerduhiex!

Ma' kull fejn iddawwar wiċċek
Tisma' dwar gwerer ħarxin
Illi qegħdin jaħsdu ħesrem
Mijiet, eluf ta' bnedmin.

Żgħażagħ fil-fjur ta' ħajjithom
Qed iħallu d-droga tmisshom,
U bil-mod ferħ iż-żogħżija
Minn ġo qalbhom jaħarbilhom.

Ġnus u popli, qrib, imbiegħda,
Mifnijin mill-għera u ġuħ,
Għax minn qiegħed tajjeb, komdu
Il-ġenb jagħti lill-muġugħ.

O li kieku l-popli kollha
Jaħsbu dlonk aktar f'xulxin
Kieku l-paċi żgur issaltan
U ngħixu aktar henjin.

Hemm bżonn iżda illi f'nofsna
Spazju nħallu għall-Ħallieq
Illi jwitti l-ħotob kollha
U jdawlilna tagħna t-triq!

Iva ħbieb, sabiħa l-ħajja;
Ngħożżuha, nibżgħu għaliha;
Ejjew bogħod minna nżommu
Għira, dmugħ, biki u dmija.

Ejjew ngħixu lkoll bħal aħwa
Ferħanin nimxu id f'id;
Fl-għaqda mmexxu d-dinja kollha
B'rieda soda tal-ħadid.





# IL-ĦIDMA TA' L-AĦWA FRANĠISKANI KAPUĊĊINI F'MALTA U BARRA MINN MALTA (1589-1700)

**(Kronaka Ta' Patri Pelagju V)**



## IL-KUNVENT TAL-FLORIANA (1700-1740)

Fil-perjodu li qegħdin nitkellmu fuqu sa l-1738, il-kunvent tal-Floriana, kien għadu jifforma parti mill-Provinċja ta' Sirakuża, u għaldaqstant ġie li sarulu żjarat mill Provinċjal ta' Sirakuża kif fill-fatt ġara fl-1708, fl-1732 u fl-1738.

Mill-istess Kronaka nafu li fl-1720, il-kunvent kellu kappella, infermerija u kċina. Fl-1720 sar il-bini tar-refettorju l-ġdid mill-Kommendatur Pinto (ix-xiħ). Fis-sena ta' wara 1721, tkompla l-bini tad-dormitorju fuq ir-refettorju. B'rabta ma' l-istess kunvent insibu li fl-1708, il-**GranMastru Ramon Perellos** irranġa, a spejjeż tiegħu, il-gandotti ta' l-ilma li kienu jwasslu l-ilma mill-fontana għall-kunvent.

Il-kunvent tal-Floriana kien jitmexxa bħas-snin ta' qabel minn Gwardjan, li kien jinħatar fil-Kapitlu Provinċjali li kien jiltaqa' f'xi wieħed mill-ibliet ta' Sqallija.



> "Fl-1720 il-fraternità tal-Floriana tant kienet numeruża, li f'kull ċella kien hemm żewġ patrijiet.."

Għall-istorja se nagħtu l-ismijiet ta' wħud minnhom:

| SENA | GWARDJAN |
|---|---|
| 1704 | Patri Bernardin minn Comiso |
| 1705 | Patri Franġisk Muscat minn Malta |
| 1711 | Patri Tumas minn Malta |
| 1712 | Patri Dumink Straquardini |
| 1713 | Patri Tumas minn Noto |
| 1720 | Patri Vito da Leonforte |
| 1725 | Patri Ġużepp minn Pozzallo |
| 1729 | Patri Ġlormu minn Licodia |
| 1730 | Patri Ġużepp minn Malta |
| 1731 | ibid |
| 1733 | Patri Domenico Brix (miet fil-kariga fl-1734) |
| 1735 | Patri Ġużepp minn Malta |
| 1736 | Patri Ġakbu Borg minn B'kara |
| 1738 | Patri Ġiov.Antonio minn Comiso |
| 1738 | Patri Ġużepp Grech |

## IL-FRATERNITÁ TAL-FLORIANA

Nafu mill-kronaka ta' l-1704 li fil-kunvent kien hemm fraternità numeruża. Fl-1720 il-fraternità tal-Floriana tant kienet numeruża, li f'kull ċella kien hemm żewġ patrijiet. Fl-1732 fil-fraternità tal-Floriana kien hemm 18-il Saċerdot. Il-Viżitatur Ġenerali Patri Franġisk minn Aufidena, li ġie Malta fit-13 ta' Gunju 1738, ordna li l-fraternità tal-Floriana kellha tkun magħmulha minn 28 reliġjuż, inklużi l-Patrijiet Missjunarji u n-numru ta' Patrijiet Sqallin ma kellux ikun iżjed minn kwart skond id-disposizzjonijiet tad-Definitorju Ġenerali.

Fost il-membri tal-fraternità tal-Floriana nsibu lil Patri Wistin Zammit miż-Żurrieq ta' ħajja qaddisa li miet fil-kunvent tal-Floriana fid-29 ta' Jannar 1729, u bl-interċessjoni tiegħu nqalgħu diversi grazzji.

Membru ieħor ta' l-istess fraternità kien l-Ajk Fra Vitu mill-Belt Valletta. Patri Pelaġju, jgħidilna li l-Gran Mastru Fr Marc Antonio Zondadari kellu rispett kbir lejn Fra Vitu, tant li kien jiġi fil-kunvent tal-Floriana biex ikollu xi taħdita spiritwali miegħu. Fl-aħħar marda tiegħu kien ukoll iżuru fiċ-ċella tiegħu. Fra Vitu miet fl-età ta' 95 sena fl-1721.

Fil-kunvent tal-Floriana minnbarra l-Patrijiet Maltin u Sqallin, kien hemm ukoll residenti numru ta' Patrijiet barranin minn xi provinċja oħra, li kienu jiġu hawn Malta bħal konfessuri tal-Kavalieri. Fostom insibu lil Patri Leonardo minn Pariġi li ġie Malta fl-1698 u baqa' hawnhekk għal madwar 18-il sena u Patri Ercolano da Paluzzo, Provinċja tat-Tirol li dam hawnhekk madwar 23 sena, u miet hawnhekk fil-21 ta' Settembru 1747.

## L-GĦEJXIEN TAL-FRATERNITÁ

L-għejxien tal-Fraternità kien jiddependi mill-għotja li kienet tingħatalhom kuljum mill-Palazz tal-Gran Mastru, il-quddies, għajnuna tal-benefatturi u ċ-ċirka.

Fost il-benefatturi tal-Patrijiet insibu lil Giovanni La Croce, l-Avukat Dr Ignazio Decos, l-Ispiżjar Fabriżju Buttigieg minn Ħal Luqa u l-Komm. Fra Giovanni Pasqualena.

Iċ-ċirka kienet mezz importanti tad-dħul għall-patrijiet u nsibu li fl-1720 iċ-ċirkatur kien Fra Arkanġlu.

Billi fl-1738 kien tlesta l-kunvent tal-Kalkara, il-Viżitatur Ġenerali ordna kif kellha ssir iċ-ċirka bejn iż-żewġ kunventi. Iċ-ċirka tal-kunvent tal-Belt kellha ssir fl-ibliet tal-Belt Valletta, l-Isla u l-Imdina, u fl-irħula ta' Ħaż-Żebbug, Ħal Qormi, Ħad-Dingli, H'Attard, Ħal Lija, Ħal Balzan, B'Kara, Naxxar, Mosta u Għargħur. Iċ-ċirka fl-Isla kellha tibqa' ssir sakemm il-Kunvent tal-Kalkara kien jibqa' jirċievi terz mill-għajnuna tal-Palazz. Malli dak it-terz jerġa' jingħata lill-kunvent tal-Belt, iċ-ċirka fl-Isla kellha tmur għal kunvent tal-Birgu. •

# Tista' satanista terġa' tdur lejn Alla?



**Mill-esperjenza żgħira tiegħi bħala eżorċista nista' ngħid li dawk li jkunu fis-sataniżmu jkollhom fihom vojt kbir li jtihom nuqqas ta' paċi u ma jħallihomx kwieti. Fihom tikber dejjem iżjed ir-rabja, is-solitudni u d-disperazzjoni. Dawn ikomplu jwassluhom għal ħajja aktar perversa u għal mument tissodisfa r-rabja u l-għatx tagħhom għal 'paċi'. Hemm uħud minnhom li saħansitra jersqu biex jirċievu s-sagramenti tal-Knisja b'mod sagrilegu u mhux ippreparati ħalli b'hekk ikabbru l-ħażen ta' ġo fihom, billi jidhru tajbin quddiem in-nies, imma fl-istess ħin jipprofanaw u jweġġgħu l-qalb t'Alla l-imbierek. Aktar ma jgħaddi ż-żmien, ix-xitan ma jibqax iħalli lil min jużah, imma jibda juri aktar fil-verità min hu.**

Jekk qabel kien jipprova jidher sabiħ magħhom biex jiġbidhom lejh u jaffaxxinahom bil-'qawwa' tiegħu, issa jasal f'punt li juri l-karatteristiċi veri tiegħu. Biex iwerwer lil vittma tiegħu, issa jibda jidher taħt diversi forom tal-biża', anki fis-sura ta' annimali. Issa jkun wasal il-waqt li jsir il-ħakkiem, il-padrun assolut ta' dawk il-persuni. Hu jġib ruħu bħal iljun mans li jidher kalm u kwiet biex ħaddieħor jammirah u jagħmel kuraġġ biex jersaq lejh kważi biex imellsu, imma bl-iskop li kif jagħmel dan jiġi maħkum minn difrejh. Il-persuna satanista issa tibda' tiskopri li llum hija ħafna differenti minn dak li kienet għax fiha saret bidla kbira. Kważi tħoss li nbidlet in-natura propja tagħha. Tibda' tħossha bħala ministru u 'missjunarju' tal-ħażen u tħoss li tista' ssib serħan BISS meta tagħmel il-ħażen u l-ħsara lil ħaddieħor u ġġiegħel lil min jagħmel l-istess.

Għas-satanista Satana jsir xi ħaġa disgustanti, li tqażżek, timbuttak, vjolenti u tal-biża', imma fl-istess ħin ma jistax ma jobdihx. Jibda' jħossu diġà kkundannat, qed jgħix fl-infern, mhux għax Alla ma jaħfirlux jekk idur lejh, imma għaliex hu stess ma jirnexxilux jissogħbih minn dak li jkun qed jagħmel. L-unika xewqa li hu jkollu hija li jaħrab il-konsegwenzi ta' l-għażla li jkun għamel. Imma fl-istess ħin ikollu biża' kbir minn dak li x-xitan jista' jagħmillu jekk jipprova jitbiegħed minnu, kemm f'din il-ħajja u aktar u aktar fit-telfien ta' dejjem. Jibda' jibża' aktar mix-xitan milli minn Alla u għalhekk ikollu jobdi lix-xitan fil-pront u b'għajnejh magħluqa. L-iskop ta' ħajtu jsir biss li jgħix iż-żmien li jkun fadallu f'din il-ħajja b'mod sfrenat. Tikber fih id-disperazzjoni.

Jekk hu jkun għamel użu mill-'poteri' ta' Satana, u jiddeċiedi li joħroġ mill-prattika okkulta u jdur lejn Alla, żgur li jkollu jsofri r-reazzjoni vjolenti tax-xitan. Ix-xitan bħal jgħidlu: **'Inti fittixtni, inti ridtn. Meta ridt inqdejt bil-poteri tiegħi u issa se titlaq? Jien ma nħallikx. Inti tiegħi'.** Kull meta l-ex-satanista jipprova jitlob, Satana jipprova jwaqqfu billi jisvoga r-rabja tiegħu fuqu. Jipprova jgħejjih psikoloġikament, fiżikament idgħajjef ir-rieda tiegħu u jikkawża uġigħ f'ġismu. Fil-fatt kien hemm każijiet meta kien hemm min spiċċa bi ksur, naqsu d-dawl ta' għajnejh, naqsitu r-rieda, jew tilef il-memorja. Dak li jkun irid ilesti ruħu għal ġlieda ħarxa, imma mhux se jkun nieqes mill-għajnuna t'Alla li toħorġu rebbieħ żgur! •





# It-Tarka u x-Xabla



## ID-DIJABETE

**Kważi kulħadd jaf li d-dijabete tfisser li jkollok iz-zokkor (glucose) għoli fid-demm. Peress li għandna rata għolja ta' din il-kundizzjoni f'Malta, kważi kulħadd jaf lil xi ħadd li jbati mid-dijabete. Fil-fatt, għaxra minn kull mitt individwu Malti għandhom xi forma ta' dijabete, ikkumparat ma' tlieta fil-mija f'pajjiżi Ewropej qrib tagħna.**

Il-kontroll taz-zokkor fid-demm huwa importanti sabiex iċ-ċelluli tal-ġisem ikunu jistgħu jużaw iz-zokkor sewwa. Kemm bi ftit, kif ukoll b'ħafna zokkor, iċ-ċelluli ma jaħdmux tajjeb. Din is-sistema ta' kontroll hija effiċjenti ħafna u tinvolvi, fost oħrajn, l-ormon naturali insulina magħmula mill-frixa (pancreas). L-insulina tippermetti li z-zokkor jidħol fiċ-ċelluli biex jintuża, u għalhekk jitbaxxa z-zokkor fid-demm.

Hemm żewġ tipi ta' dijabete. Fit-tip 1, l-insulina naturali tal-ġisem tkun nieqsa kważi totalment. Fit-tip 2, anki jekk ikun hemm ftit insulina, iċ-ċelluli ma jirrispondux għaliha. It-tip 2 huwa l-iktar tip komuni, u jaffettwa l-iktar dawk 'il fuq mill-erbgħin sena. Fiż-żgħar, it-tip 1 huwa l-iktar komuni. Hemm kundizzjoni wkoll fejn għalkemm ma jkunx hemm sitwazzjoni ċara ta' dijabete, ir-riżultati tad-demm juru li din tista' toħroġ il-quddiem, u għalhekk tissejjaħ Pre-dijabete.

Il-kawżi tad-dijabete jiddependu mit-tip. Fit-tip 1, iċ-ċelluli tal-frixa li jipproduċu l-insulina, jiġu distrutti mil-ġisem stess. Ħadd ma jaf eżatt għaliex jiġri dan. Possibbiltà waħda hija li din tiġri wara infezzjoni b'xi virus.

Fit-tip 2, ir-riskji li toħroġ id-dijabete huma: il-ħxuna żejda (obesità), membru ieħor tal-familja bid-dijabete ta' dan it-tip, il-pre-dijabete, u jekk hemm xi forma ta' mard vaskulari bħal puplesija, attakk tal-qalb, pressjoni għolja. Nisa tqal għandhom riskju li jiżviluppaw dijabete tat-tqala, u għalkemm tiġi għan-normal wara l-ħlas, ir-riskju ta' dijabete fil-futur jiżdied.

Sintomi li jistgħu jkunu preżenti huma: l-għatx żejjed, ħafna pipi, għeja żejda u tnaqqis fil-piż, ħakk jew moffa fil-partijiet intimi, u feriti li jdumu ma jagħlqu. Dawn iktar jidhru fit-tip 1, għax fit-tip 2, ħafna drabi, id-dijabete ma tagħtix sintomi.

### Għaliex din l-għagħa kollha fuq id-dijabete?

Jekk id-dijabete ma tindunax biha, jew ma tiġix ikkurata tajjeb, iz-zokkor għoli fid-demm jagħmel ħsara liċ-ċelluli. Dan jikkawża mard fl-arterji u fin-nervituri u jirriżulta f'ċans għoli ta' attakk tal-qalb, puplesija, mard tal-kliewi, nuqqas ta' viżta fl-għajnejn, u nuqqas ta ċirkolazzjoni u feriti fis-saqajn.

## IT-TARKA

- *Jekk għalaqt l-erbgħin, iddiskuti mat-tabib biex perjodikament tagħmel test taz-zokkor fid-demm.*
- *Jekk għandek wieħed mir-riskji li semmejt hawn fuq, dan it-test għandu jsir iktar regolari.*
- *Ikkontrolla l-piż billi tiekol dieta bilanċjata tajba u tagħmel eżerċizzju regolari.*
- *Jekk għandek id-dijabete, jeħtieġ tkun taf il-livell taz-zokkor regolarment. Dan l-aħjar tagħmlu permezz ta' apparat li janalizza z-zokkor minn taqtira demm minn subgħajk.*
- *Jekk għandek id-dijabete, importanti tagħmel viżta regolari għand it-tabib biex tkun ċert li l-kura miexja sew u ma jibdewx xi kumplikazzjonijiet.*
- *Id-dijabete, flimkien mal-pressjoni, kolesterol għoli, ħxuna żejda u tipjip, huma l-fatturi li l-iktar jagħmlu ħsara lill-ġisem. L-aħbar it-tajba hi li kollha jistgħu jiġu kkurati.*

## IX-XABLA

- *F'kull tip ta' dijabete jgħin stil tal-ħajja li jagħti importanza lill-kontroll tal-piż, lill-eżerċizzju, u tiekol ikel li fih l-inqas zokkor, xaħam u melħ.*
- *Fid-dijabete tat-tip 1, ġeneralment tiġi bżonn l-injezzjoni ta' l-insulina.*
- *Fid-dijabete tat-tip 2, jekk mhux kontrollata bl-istil ta' ħajja biss, jingħataw pilloli, u jekk mhux biżżejjed, l-insulina.*
- *Bil-kura hemm riskju żgħir li jinżel iz-zokkor iżżejjed, speċjalment meta tinbidel id-doża, jew fl-anzjani. Tajjeb li tkun taf tagħraf is-sintomi ta' nuqqas ta' zokkor bħall-għaraq, taħbit tal-qalb u ħass ħażin, u tagħti z-zokkor minnufih sakemm tasal l-għajnuna.*

**Nixtieqlek is-saħħa. •**

***Jekk għandek xi diffikultà fuq x'informazzjoni li sibt f'dan l-artiklu, ikun siewi li tkellem lit-tabib tiegħek sabiex tiċċaraha.***

# HEKK ĦABBEJTEK!



Wasal Live-in ieħor għall-Grupp GiFra Floriana bejn l-14 u 16 ta' Marzu 2008 f'Dar Ħanin Samaritan, Santa Venera. Kif jista' jindika l-isem li ngħatalu, kienu tlett ijiem ta' riflessjoni għall-Ġimgħa Mqaddsa meta wieħed seta' jiskopri aktar lilu nnifsu fid-dawl ta' Kristu li miet għalina fuq is-Salib. **"Għax Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem"** (Ġw 3:16)

## IL-VJAĠĠ

Billi l-ewwel ġurnata ħabtet il-Ġimgħa, festa tad-Duluri, l-animatur Br Vince Axiaq, id f'id mal-kunsill taċ-Ċentru, ħadmu biex nagħmlu meditazzjoni fuq is-Seba' Duluri. Ingħaqad magħna Patri Leslie OSA biex ikun ta' servizz għalina lkoll fis-sagrament tal-qrar. Dan wassalna għall-adorazzjoni matul il-lejl meta wieħed seta' jqatta' ftit tal-ħin waħdu fil-kappella ħdejn is Sagrament jimmedita fis skiet.

Biex inkomplu ningħaqdu bħala grupp, inqsamna fi tliet gruppi u kellna ngħaqqdu tliet Jigsaw Puzzles. Din hija teknika li kienet intużat fl Live in preċedenti fejn wieħed jkun jista' jitkellem waqt li jkun qed jagħmel il-parti tiegħu tal-puzzle. Minn dan l-eżerċizzju ħarġu wkoll l-elementi ta' konsistenza, fejn grupp jibqa' jinsisti sa ma jirnexxielu jispiċċa l-puzzle tiegħu u ma jaqtax qalbu, group work, fejn il-membri tal-grupp jaħdmu flimkien għal skop wieħed, komunikazzjoni bejn il-membri ta' l-istess grupp, u saħansitra għajnuna bejn grupp u ieħor.



Il-puzzles riedu jitlestew sa l-aħħar tal-Live-in bil-għan li jiġu mmuntati fi kwadri u mwaħħlin fiċ-Ċentru.

Diversi membri li attendew il-Live-in kellhom jippreparaw it-talb ta' filgħodu u t-talb ta' filgħaxija bit-temi ta' l-Art tal-Ġetsemani, l-Ewkaristija u l-Mewt ta' Kristu. B'dan il-mod il-membri kienu nvoluti fl-organizzazzjoni tal-live-in u b'hekk għamilnih aktar ħaj.

Matul il-ġranet tas-Sibt u tal-Ħadd saru sezzjonijiet ta' eżerċizzji differenti. Nibda billi nsemmi l-**'Mutur tal-grupp'**. Hawnhekk kulħadd ħaseb fuq is-sehem tiegħu fiċ-Ċentru. It-tieni sezzjoni' 'Kemm kapaċi nisma', kien test fejn wieħed seta' jeżamina l-kapaċità ta' smiegħ li għandu. Biex wieħed jkompli jaħseb fuqu nnifsu u jsir jaf aktar lilu nnifsu, għamilna żewġ eżerċizzji oħra bl-ismijiet ta' **'Kemm taċċetta lilek innifsek'** u **'X'jogħġobni fija nnifsi'**. Wieħed seta' jinnota s-sinċerità u l-umiltà tal-membri meta għamilna l-ħames sezzjoni bl-isem ta' **'Sib persuna fill-grupp'**. Dan kien eżerċizzju fejn kulħadd seta' jqabbel kwalitajiet ta' karattri mal-persuna adattata. Tajjeb li wieħed isemmi s-sehem tal-Brother li kontinwament kien qiegħed jiġbor il-punti ewlenin mid-diskussjonijiet biex fl-aħħar huwa seta' jikkonkludi bħala direttur spiritwali tal-grupp.

Patri Mark Ciantar OFM laqa' l-istedina tagħna b'idu miftuħa biex jiċċelebra magħna l-quddiesa l-Ħadd filgħodu. Wara kellna l-ikel u l-evalwazzjoni tal-Live-in fejn wieħed seta' jesprimi lilu nnifsu u jgħid x'deherlu mil-live-in b'mod kostruttiv. •



# L-ELEZZJONI WASLET U GĦADDIET! (IV)

Erġajt waqajt għat-tentazzjoni. Żammejt l-istess suġġett għal darba oħra fl-ariklu tiegħi u dan kemm minħabba l-fatt li ħafna nies ġew fuqi u qaluli li apprezzaw il-kitba tiegħi kif ukoll minħabba dak li xammejt fl-aħħar artikli tiegħi dwar il-prospett ta' emendi ġodda fil-liġi elettorali bħala reazzjoni għar-riżultat ta' l-aħħar elezzjoni.

L-elezzjoni waslet u għaddiet però l-effetti tagħha għadhom magħna! Ikkonkludejt l-aħħar artiklu billi bdejt nara l-possibbilità li wara r-riżultat ta' l-aħħar elezzjoni jkun hemm xi forma ta' emendi ġodda fil-liġi elettorali. Fil-fatt, fl-ewwel ġimgħa tal-leġislatura l-ġdida, preċiżament fl-ewwel diskors pubbliku, ingħata sinjal ċar li se jiġu proposti emendi ġodda. Nippreċiża mill-bidunett li sa llum għadu mhux magħruf x'se jkunu dawn il-proposti u għalhekk wieħed jista' biss jaħseb x'jistgħu jkunu dawn l-emendi hekk proposti.

Saret kważi konswetudni, f'dawn l-aħħar 30 sena, li wara kull riżultat elettorali jibda moviment sabiex il-liġi elettorali tkun irtokkata biex tissewwa jew tillapazza fejn din setgħet naqset. Naturalment, l-aħħar riżultat elettorali, kien ta tħassib l-possibbilità li fil-parlament seta' kien hemm it-tielet partit u ta' tħassib aktar kien l-effett li dan kollu kien jipproduċi. Kif diġà ntqal, fl-artiklu preċedenti, l-emenda li ġiet applikata fl-aħħar elezzjoni ma kinetx tista' tiġi nvokata li kieku wieħed mill-partiti ż-żgħar eleġew anki membru wieħed fil-parlament. Kien ikun jista' jmexxi dak il-partit jew grupp li jkollu kontroll fuq il-maġġoranza ta' siġġijiet. Dan seta' wassal għaċ-ċirkostanza fejn l-partit li ġab l-akbar numru ta' voti relattivi li ma jirriflettux in-numru ta' siġġijiet miksuba ma kienx jingħata aktar siġġijiet u mhux bilfors kien ikun jista' jigverna.

L-ewwel prinċipju li għandu jiġi mħares f'kull ċirkostanza huwa żgur li d-distribuzzjoni ta' siġġijiet lill-partiti li jtellgħu membri fil-parlament għanha tkun waħda ġusta u proporzjonali. Għandha tiġi kkanċellata darba għal dejjem l-possibbilità li partit jġib anqas siġġijiet minn partit ieħor minkejja li dan ta' l-aħħar ikun ġab anqas voti. B'hekk wieħed jista' jifhem u jaċċetta emenda li tkun tirrifletti dan il-prinċipju f'każ li t-tielet partit jeleġi membri fil-parlament. F'dan is-sens il-liġi preżenti hija fil-bżonn ta' rfinatura.

Din għandha ġġib forma ta' ġustizzja biex proporzjonalment kull partit jieħu dak li ħaqqu u n-numru ta' voti jittraduċu ruħhom f'numru proporzjonali ta' siġġijiet. Però dan ma jfissirx li f'kuntest fejn tliet partiti jeleġu l-membri, il-partit li jġib il-maġġoranza relattiva ta' voti għandu jopera favur tiegħu emenda li tirregalalu maġġoranza assoluta ta' siġġijiet biex jigverna.



F'ċirkostanza fejn tliet partiti jkollhom membri fil-parlament, min mill-partiti jkun inġustament tella' anqas siġġijiet mill-partiti l-oħra, din is-sitwazzjoni għandha tiġi korretta billi jingħata numru ta' siġġijiet li jirriflettu l-voti miksuba però m'għandux jingħata maġġoranza ta' siġġijiet meta ma kisibx maġġoranza assoluta ta' voti. F'sitwazzjoni bħal din l-parlament għandu jaħdem flimkien biex jifforma, jekk ikun il-każ, gvern ta' koalizzjoni.

Ċertament li f'sitwazzjoni fejn tliet partiti jkunu jtellgħu membri fil-parlament, li tingħata maġġoranza assoluta ta' siġġijiet lill-partit li ġab biss il-maġġoranza relattiva ta' voti, se toħloq atmosfera ta' governanza stabbli. Però proposta ta' emenda bħal din, fil-fehma tiegħi, tkun tiġbida eżaġerata tas-sistema ta' governanza parlamentari li tfarrak it-tifsira u l-skop kollu tagħha b'dubji serji lejn l-element ta' tmexxija demokratika li din tipprova toħloq.

Għalhekk kull emenda li se tiġi ntrodotta trid tkun waħda tirrifletti dawn il-prinċipji demokratiċi. •



Patri, jiena mara miżżewġa Malti. Ma xtaqtx niżżewweġ raġel minn ġensi, għax dejjem xtaqt niżżewweġ Ingliż. Lejn l-Ingliżi miġbuda ħafna forsi minħabba l-fatt li missieri kien ħafna pro British. Meta wasalt f'ċerta età u qtajt jiesi li nista' niżżewweġ wieħed bin-nemex, iddeċidejt li nieħu Malti, la x-xitan irid hekk. Issa dħalt naħdem f'lukanda lussuża u ltqajt ma' Ingliż miżżewweġ li dejjem xtaq jiżżewweġ Maltija għax ommu li għamlet żmien tgħix hawn Malta, kellha idea għolja tat-tfajliet u n-nisa Maltin. L-istess ma rnexxielux jiżżewweġ Maltija u kellu jieħu waħda Irlandiża. Dan ir-raġel għandu pożizzjoni għolja fis-soċjetà, u ġej u sejjer Malta. Ngħidlek il-veru hu ħa grazzja miegħi iżjed milli ħadt grazzja miegħu jien. Madankollu l-ġibda lejn raġel Ingliż reġgħet nibtet fija f'daqqa waħda, u nħossha ħawditni. Ma nixtieqx nisfratta ż-żwieġ tiegħi, għax għandi raġel iħobbni tgħidx kemm. Jekk nagħmillu xi waħda u jinduna, żgur noqtlu bl-għali. Nixtieqek tgħinni b'xi kelma, għax ninsab imħawwda wisq. Grazzi.

# Patri William iwieġeb...

*Fl-għażla tas-sieħeb/sieħba għall-ħajja taż-żwieġ jidħlu diversi fatturi: ġibda fiżika, deħra, maxta, mixja, nemex, irquqija jew ħxunija, kulur tal-ġilda, impieg, familja, sbuħija jew kruha, vuċi, natural... Kieku ma kienx hekk, ftit kienu jkunu dawk li jiżżewwġu. Il-qawl Malti jgħid:* ***"Għalhekk il-baqra tinbiegħ kollha għax min irid rasha u min irid minn denbha."***

*Barra minn hekk, iż-żwieġ huwa kwistjoni etnika wkoll. Hawn min jinżlulu iżjed Taljani, Tedeski, Svediżi għaż-żwieġ minn persuni ta' l-istess ġens tiegħu/tagħha... Inti nżertajt miġbuda, minħabba r-raġunijiet li semmejt, lejn l-Ingliżi. għala le, mhumiex bnedmin bħal ħaddieħor? Il-biċċa hi, iżda, li mhux bilfors tista' taqta' xewqtek. Tista' tibqa' b'xiber imnieħer, kif ġara lilek. Il-ħajja hekk. Mhemmx x'tagħmel! Min tiġih żewġ u min tiġih qastna. Imma kull deni wieħed/waħda jridu jieħduh b'ġid, kif ngħidu bil-Malti. Fil-fatt inti żżewwiġt Malti u sibt xortik miegħu. Int stess għedt kemm iħobbok. Fl-aħħar mill-aħħar, fiż-żwieġ mhux dan l-iżjed li jgħodd? Għandu mnejn li kont tiżżewweġ Ingliż u miegħu kont tkun aħjar milli int ma' żewġek, imma seta' jiġri wkoll li kont tieħu Ingliż u ż-żwieġ ma kienx jirnexxi.*

*Darba qrajt li meta persuna tkun fi bżonn ta' persuna oħra, Alla kapaċi jipprovdihielha saħansitra mill-iżjed post imbiegħed tad-dinja. Lilek ried jipprovdihielek mill-qrib u mhux mill-bogħod. Il-proverbju Malti jgħid:* ***"Iż-żwieġ qabel ma jinkiteb fl-art, ikun miktub erbgħin ġurnata qabel fis-sema",*** *jiġifieri Alla jfassal iż-żwiġijiet qabel ma jiddeċiduhom il-bnedmin.*

*Kos, l-affarijiet ma jitwemmnux! Ħaġa ta' l-iskantament kif persuni li jgħaddu prattikament mill-istess qrusa tal-ħajja għandek issib li llum jew għada, jiltaqgħu żgur. Il-Malti jgħid li ġebel ma' ġebel jiltaqa'. Dan il-qawl nistgħu napplikawh ukoll għall-każ tagħna. Din hija waħda mir-realtajiet tal-ħajja. M'hemmx x'wieħed jagħmel għajr li wieħed ikun ippreparat ħalli meta jiġri hekk, ma jiġix imbroljat mis-sitwazzjoni.*

*Naf li mhix ċajta l-qagħda li sibt ruħek fiha ħabta u sabta. Il-ħajra għall- persuna anonima Ingliża li xtaqt iżżewwiġt kienet qisha ġamar bati, li kien għadu ma ntefiex għalkollox. Dak li kien qed jistenna biex jerġa' jaqbad sew, kien li tiltaqa' ma' dak l-imbierek Ingliż li għadda mill-istess disappunt, jew frustrazzjoni li għaddejt minnu int, meta ddeċidejt li tiżżewweġ. Id-daħla bla ħsieb ta' dak l-Ingliż fil-ħajja tiegħek kienet qisha mrewħa li reġgħet tat in-nar lill-ewwel xewqa tiegħek.*

*Dak li ġralek nara li kien naturali u normali. Madankollu trid toqgħod b'seba' mitt għajn fuqek innifsek mhux tant biex ma tiddiżappuntax lil żewġek li jħobbok tgħidx kemm, imma minħabba l-kobor taż-żwieġ tiegħek iċċelebrat bħala sagrament. Il-fedeltà fiż-żwieġ hija valur liema bħalu li ma jaqbilx li wieħed/waħda jtappnuh għall-ħmerija, għall-ġibda li faċilment tista' tiġi kkontrollata b'għaqal, talb, ħarba ta' l-okkażjoni tad-dnub, ħajja sagramentali, prudenza ... X'taħseb?* •



# ŻGĦAŻAGĦ, ŻGĦAŻAGĦ KULLIMKIEN...!



Ħadt gost nisma' li f'Malta hawn għadd ġmielu ta' movimenti tal-Knisja li huma ferm attivi u mexjin fuq sisien tassew kattoliċi: magħqudin flimkien u bejniethom, jiltaqgħu regularment, jaħsbu ħafna f'dak li hu reliġjuż, l-aktar is-sagramenti u t-talb, mingħajr ma jħallu barra l-karità lejn l-oħrajn. Dnub li mhux kulħadd jaf sewwa x'qiegħed isir.

## U F'MALINDI, FIL-KENJA?

Għandna rikkezza l-aktar kbira. Il-knejjes kollha huma mimlija bit-tfal u ż-żgħażagħ: kollha kburin li huma kattoliċi (xi wħud, imqar ġuvintur, jilbsu l-kuruna tar-rużarju bħala ġiżirana). Huma għatxana biex jitgħallmu, jgħinu lill batut, huma letturi u jieħdu sehem fil-kant u ż-żfin liturġiku. Issibhom ukoll minn ta' quddiem fit-tindif u t-tiżjin tal-knisja.

Mhux hekk biss, imma kull grupp ta' żgħażagħ għandu l-kumitat tiegħu, u delegati fil-Kunsill parrokkjali, fejn għandhom dritt juru l-fehmiet tagħhom u jgħidu xi pjanijiet għandhom: u dan kontra d-drawwiet antiki fejn żagħżugħ ma kellux dritt jitkellem quddiem bniedem anzjan. Dmiru kien li jisma' u jitgħallem!

Filwaqt li jħobbu li jkollhom laqgħat ta' jum sħiħ, u mqar ta' iżjed li fihom jiltaqgħu ma' żgħażagħ ġejjin minn parroċċi oħra, jisimgħu u jiddiskutu dwar problemi reliġjużi u soċjali tal-mument, bosta drabi jkunu jridu xi irtir li jintemm bl-adorazzjoni Ewkaristika, meditazzjoni u qrar. Is-sabiħ tagħhom hu li ma jistennewx li s-saċerdot jorganizza għalihom. Iridu biss il-permess u l-parir tiegħu, u l-bqija jagħmluh huma. Bosta għandhom xi koppji żgħażagħ bħala membri, kemm biex jagħtuhom mill-esperjenza tagħhom kif ukoll biex isalvaw isem il-grupp.

## FINANZI

Ġieli jkollhom xi spejjeż u ma jkollhomx minn fejn, allura l-kappillan ikollu jgħinhom biex jagħmlilhom kuraġġ. Fi tliet parroċċi hemm żgħażagħ li kull nhar ta' Ħadd jistampaw il-qari tal-quddiesa u jbigħuh

lin-nies: għajnuna għal min m'għandux messalin u qligħ għall-grupp; tfajliet, li wara l-quddiesa prinċipali, ibigħu bl-irħis speċi ta' porridge (smid maħlul li jista' jinxtorob) biex ikollhom il-flus meħtieġa. In-nies jixtruh bil-qalb għax jafu li b'hekk qegħdin jagħmlu l-qalb lil uliedhom. Hemm korijiet li jmorru mas-saċerdot li fi żmien it-turiżmu jmur iqaddes f'xi lukanda, għax jafu li l-barranin xi ħaġa jagħtuhom ukoll.

## HIDMA

Għandna min jimxi fuq siegħa biex imur jgħallem il-katekiżmu jew il-kant: imorru fl-iskejjel primarji fejn hemm siegħa apposta għall-Kattoliċi; imexxu gruppi ta' studenti (YCS = Young Christian Students), li darba f'sena jorganizzaw sensiela ta' attivitajiet li jilħqu l-qofol tagħhom f'ġimgħa f'post wieħed Nairobi, fejn jiena stess qaddist għal iżjed minn erbat elef ġuvni u xebba.

Huma stess jistiednu l-kelliema, isibu l-post tal-laqgħat u jfittxu l-flus meħtieġa għall-vjaġġi: u dan minn żgħażagħ li l-pocket money ma jafux bih, għax ġejjin minn familji foqra.

## EŻEMPJU

F'Jannar ta' erba' snin ilu, John, ġuvni katekista offra ruħu jmur joqgħod waħdu fl-iktar post fqir u mbiegħed tad-Djoċesi (xi 100km) biex jiftaħ stazzjon tal-parroċċa. L-insara tal-parroċċa xtrawlu sodda, mitraħ, żewġ lożor u xugaman; tawh borma u ftit platti u tazzi; xtrawlu rota użata, u ħarġulu ftit flus fix-xahar, biżżejjed għall-għixien. Mar sab min żammu għal ftit għandu, akkwistaw biċċa art mingħand in-nies, beda jżur il-familji, li waqt li beda jgħallimhom id-duttrina u nhar ta' Ħadd kien ilaqqagħhom għat-talb taħt siġra.

Wara li flimkien magħhom ħema xi blokki tal-ħamrija, għenuh jibni dar b'żewġ kmamar żgħar għalih. Malajr beda jżur l-iskola primarja, jiġbor it-tfal għad-duttrina, iżur in-nies fi djarhom u jistedinhom jingħaqdu miegħu għat-talb ta' nhar ta' Ħadd. Wara ftit, nies minn raħal ieħor, xi nofs siegħa bir-rota bogħod, talbuh jibda jżurhom. Illum hemm id-dar tiegħu, miżjuda darbtejn oħra, għarix-knisja, kindergarten, tank li jiġbor l-ilma tax-xita li jaqa' minfuq l-iskola u rnexxielu jgħaqqad ir-raħħala f'kooperattiva tas-saqwi.

John imita lil San Ġwann, ħejja t-triq biex fil-bidu ta' Frar ta' din is-sena saċerdot Afrikan seta' jmur jingħaqad miegħu, minfejn se jkomplu jinfirxu f'bosta rħula oħra. F'Marzu għandi mmur nagħti l-Griżma lil xi żgħażagħ u nbierek xi żwiġijiet. Hu wieħed miż-żgħażagħ li offra jgħix mingħajr flus tul sena sħiħa li fiha, ma' oħrajn bħalu, mar jistudja kif jgħallem id-duttrina.

## JISTADU GĦAL SĦABHOM

F'imkejjen oħra, fejn l-irħula Kattoliċi jinsabu qalb oħrajn pagani; huma ż-żgħazagħ li jifthu t-triq lill-Mulej. Dawn joħorġu passiġġata, jidħlu fir-raħal u jaqbdu jitkellmu ma' ġuvintur oħra. Jgħidulhom minfejn huma, li tħajru jaraw dak ir-raħal. Mingħajr



ma jipprietkawlhom, jistaqsuhom ħwejjeġ tas-soltu: ir-raba, ix-xita, l-annimali selvaġġi.

U fl-aħħar jistaqsuhom jixtiqux jitgħallmu jilagħbu l ballun biex jikkompetu ma' xulxin. Jekk iva, iħallulhom xi ballun żgħir ukoll. B'hekk ikunu għamlu ħbieb. Imbagħad ikomplu jistednuhom kemm għal xi logħba, għal xi żjara jew festa oħra. Hin minnhom, jgħidulhom kemm jieħdu gost nhar ta' Ħadd fil-quddiesa flimkien ma' ħafna żgħażagħ oħra u jħajruhom jingħaqdu magħhom. Għal ġuvintur f'raħal żgħir din hi stedina qawwija ħafna. Jilqgħuha mqar jekk ikollhom jimxu siegħa sħiħa.

In-nisa jagħmlu l-istess man-nisa li jiltaqgħu magħhom f'dawn iż-żjajjar. Anzi joffrulhom li jgħallmuhom dak li jinteressa n-nisa: kura tat-tfal, mard, ikel, ilbies; tiżjin tagħhom u festi ta' xi twelid, xi tieġ! Meta jasal il-waqt jistednuhom għal xi festa, xi tieġ, it-twelid ta' xi tarbija ta' waħda minnhom. Din issir wara l-quddiesa, hekk li jdaħħluhom il-knisja magħhom, fejn ikollhom esperjenza tal ġenna għal dawn in-nisa pagani, ġejjin minn raħal mitluf qalb is-siġar: ħbiberija, bosta nies, ferħ, kant, talb, ilbies isbaħ minn dak ta' l-għalqa, tfal u żgħażagħ jaqraw, ikantaw, jizfnu...! B'hekk joħolqu ħbiberija li tressaq il-pagani lejn il-Knisja u jkunu jistgħu jibdew it-tagħlim tad-duttrina kemm għall-ommijiet u għal uliedhom.

## MOD SEMPLIĊI

Meta s-seminaristi jiġu għall-vaganzi u jqattgħu xi żmien fil-parroċċi, inħajruhom joħorġu passiġġata f'raħal pagan u jieqfu jsellmu u jkellmu 'l min jiltaqgħu miegħu. Dawn ma jippriedkawx direttament: imma sempliċement jgħidu min huma. Waqt id-diskursata jirrakkontaw li huma Kattoliċi, li nhar ta' Ħadd iħobbu jiltaqgħu ma' sħabhom, kemm jieħdu gost bil-kant, żfin u talb li jagħmlu flimkien, li kultant ikollhom xi play, li nhar ta' Ħadd ma jmorrux skola/ma jaħdmux fir-raba b'tifkira tal-Ħallieq, li ċerti affarijiet ma jistgħux jagħmluhom għax għallmuhom li ma jogħġbux 'l Alla.

Jekk dawk jgħidulhom li huma ma jitolbux, ma jmorrux knisja, imorru jaħdmu u li mdorrijin jagħmlu hekk jew hekk, qatt ma jċanfruhom. Iweġbuhom biss li jista' jkun, ladarba m'humiex Insara; imma jibżgħu li forsi m'għandhomx il-ferħ li jħossu huma. Li forsi ħajjithom hi xi ftit mondana, għax ir-reliġjon ta' Ġesù tgħallmek togħġob 'l Alla u tagħtik tant paċi f'qalbek. Iwegħduhom li se jitolbu għalihom. Mhux tant il-kliem daqskemm ix-xiehda personali ta' min qiegħed jgħix il-ħajja nisranija hija li tiġbed il-qlub u Ġesù jieħu l-okkażjoni biex imiss il-qlub tal-pagan. L-argumenti huma umani, ma jmissux l-ispiritwal.

## KORSIJIET

Żewġ korsijiet li jiġbdu għadd ġmielu ta' żgħażagħ huma dawk ta' ġimgħa 'Strong in Faith', għal dawk li se jibdew Form I, fejn jiġu mħejjija għal meta jmorru barra mir-raħal tagħhom u jitħalltu ma' tfal ikbar minnhom; u ieħor ta' tliet ġimgħat 'Adults in the Faith' għal dawk li spiċċaw Form IV u ma jafux humiex bħaż-żgħażagħ jew bħall-adulti! Ħafna xogħol jagħmluh huma.

Aħna, wara li naraw ix-xewqiet tagħhom, insibulhom nies tajbin biex jgħinuhom jgħaddu minn fażi għall-oħra ta' ħajjithom. Dawn jistgħu jkunu: xi saċerdot jew soru, Labour Officer, Spettur fil-qasam tad-droga, kap tal-ħabs, xi ħadd li ħareġ mill-ħabs, il-Gvernatur li jiġi jkellimhom u jwieġeb id-domandi tagħhom, il-kap ta' l-isptar distrettwali, xi student li spiċċa mill-università! Huma jiem ta' tagħlim, maturità, riflessjoni u deċiżjoniet. Joħolqu wkoll solidarjetà li tista' tgħinhom fil-ħajja tagħhom għal meta kull wieħed jixtered mal-pajjiż ifittex ix-xogħol. Infatti nħeġġuġhom biex ikunu fejn ikunu għandhom iqisu lil xulxin bħala aħwa: jgħinu 'l xulxin u jwiddbu 'l min jitħajjar jaqbad triq ħażina. Kull sena jkollna minn wieħed sa tnejn li jitolbu li jmorru s-seminarju jew isiru reliġjużi.

Il-kors jibda bil-quddiesa mill-Isqof u jispiċċa b'oħra u bl-għoti ta' ċertifikat ta' attendenza. Huma jagħmlu propaganda ma' studenti tas-sena ta' warajhom, u l-ġenituri jħeġġuhom u jagħtuhom in-noll tal-karozza (ġieli €5). Jien naħsbilhom għall-ikel u spejjeż oħra.

Dawn huma ż-żgħażagħ Kattoliċi tad-Djoċesi ta' Malindi. Żgħażagħ bħall Maltin, imma jaħdmu skond l-ambjent Afrikan tagħhom. •





# IL-BOLOL TA' MALTA (6)

## SENA INTERNAZZJONALI TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM










L istorja ta' Malta turi li pajjiżna minn dejjem kien post ta' kenn għal dawk li kienu jeħtieġu refuġju. Huwa maħsub li anki l-isem Malta ġej mill-Feniċju maleth li tfisser post ta' rdoss. L-ospitalità tal-Maltin hija msemmija anki fil-Bibbja fi żmien meta San Pawl ġarrab l-għarqa f'pajjiżna. F'nofs is-seklu 19 kellna fostna t-Taljani li ħarbu r-Risorgimento jew ir-riunifikazzjoni ta' pajjiżhom; fl-1917 kellna r-Russi li skappaw ir-Rivoluzzjoni li wasslet għall-ħakma tas-Sovjetiċi; u fl-1922 ġew fostna dawk li telqu minn Smyrna meta t-Torok ħaduha f'idejhom.

Illum nistgħu ngħidu li Malta saret post ta' refuġju għal dawk li qed ifittxu pajjiżi ikbar li jilqugħhom għal ħajja aħjar 'il bogħod mill-faqar u l-persekuzzjoni. Tliet bolol taż-żewġ soldi (2d), tas-6d u taż-żewġ xelini (2/-) jfakkru l-għoxrin anniversarju mill-proklamazzjoni tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-għan ta' dawn il-bolol, li ħarġu fit-2 ta' Mejju 1968, kien biex jinkoraġġixxi u jkabbar l-għarfien tad-drittijiet umani u l-libertà fundamentali.

## IT-TNAX-IL FIERA INTERNAZZJONALI TAL-KUMMERĊ




Fil-bidu l-Fiera Internazzjonali Maltija tal-Kummerċ kienet intenzjonata li tkun wirja ta' oġġetti importati. Iżda meta Malta ħadet l-Indipendenza u ħasset il-bżonn li tvarja l-ekonomija tagħha, il-Fiera bdiet tagħti iktar importanza lill-prodott lokali. B'hekk issa bdiet isservi ta' vetrina għall-prodotti Maltin.




Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi barranin kienet diġà tat lill-Fiera xeħta internazzjonali u din kompliet tikber fl-1967 meta l-34 Kungress ta' l-Union des Foires Internationales aċċetta l-Fiera Maltija bħala membru sħiħ ta' l-Union. Il-Posta ta' Malta fakkret dan l-istatus ġdid tat-tnax-il Fiera tal-Kummerċ billi fl-1 ta' Ġunju 1968 ħarġet tliet bolol ta' l-4d, it-8d u t-3/-.

## IR-RABA' ĊENTINARJU MILL-MEWT TA' LA VALETTE










Jean de la Valette li twieled fl-1494 daħal fl-Ordni ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm meta kellu għoxrin sena. Huwa ġġieled fl-assedju ta' Rodi u kien fost il-Kavallieri li ġew Malta fl-1530. Huwa kien elett Gran Mastru meta kellu 63 sena u l-ewwel ma ried jagħmel kien li jsaħħaħ id-difiża ta' Malta.

Wara li mexxa lill-Kavallieri sħabu u lill-Maltin għar-rebħa kuraġġuża fuq it-Torok fl-1565, huwa qabad jibni belt ġdida bi swar u fortifikazzjonijiet mill-aqwa. Bl-għajnuna tal-Papa u l-prinċpijiet Kattoliċi Ewropej, bdiet tinbena l-belt li kellha tieħu ismu. Iżda La Valette miet sentejn wara fl-għomor ta' 74




sena. Emvin Cremona kien responsabbli għas-sett sabiħ ta' erba' bolol li ħareġ fl-1 t'Awissu 1968 fl-okkażjoni tar-raba' ċentinarju mill-mewt tiegħu. Dawn kienu tas-sold (1d), tat-8d, tax-xelin u nofs (1/6) u taż-2/6.

## IL-MILIED 1968










Dan kien sett ta' tliet bolol oriġinali għall-mod kif id-disinn tagħhom kellu forma ta' maqjol jew maxtura. Il-kewkba tispikka fit-tliet xeni differenti mill-ħajja ta' Ġesù Bambin impinġija bi lwien ċari u sħan. Is-sett kien tas-sold, tat 8d u tax 1/4.










## KONFERENZA REĠJONALI TAL-FAO

L-għanjiet tal-FAO huma li tgħolli l-livell tan-nutriment u ta' l-għajxien fid-dinja, ittejjeb il-produzzjoni u t-tqassim tal-prodotti ta' l-ikel u li tgħin fl-espansjoni ta' l-ekonomija. Il-konferenza reġjonali ssir kull sentejn biex tirrevedi x-xogħol tal-FAO u tfassal pjani biex tgħin lil dawk il-membri li jkollhom bżonn l-għajnuna. Is-sitt konferenza għall-Ewropa saret Malta wara stedina mill-gvern Malti. Il-posta fakkret dan l-avveniment bil-ħruġ ta' sett ta' tliet bolol ta' Emvin Cremona ta' l-4d, tax-xelin u taż-2/6. •

***Jekk trid tirċievi 50 bolla differenti ta' Malta jew 100 bolla differenti ta' barra minn Malta, ibgħat 8 bolol ġodda tad-€0.19 fl-indirizz ta' hawn taħt.***

# KOMPETIZZJONI BOLOL TA' MALTA

**Din id-darba għid liema huma l-iktar żewġ bolol li jogħġbok minn dawn li qed tara hawn u għid għaliex.**

Il-premjijiet se jingħataw ġentilment mill-MaltaPost p.l.c. It-tweġibiet għandhom jintbagħtu lili f'dan l-indirizz: Kompetizzjoni **Bolol ta' Malta, 11, Triq il-Gladjoli, San Ġwann SGN 1370.**

**Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni ta' Jannar kienu:**

1. **John Zarb, 14/2, Triq il-Vittmi tal-Gwerra, L-Isla ISL 1100**
2. **Gianluca Pollacco, 6, Triq l-Arżnu, San Ġwann SGN 1751**
3. **Charlene Zahra, "Petit Refuge", Triq Ġużè Bajada, Hamrun 2133**



# IL-BNIEDEM SHIH IR-REALTÁ: ŻEWĠ SALTNIET



## ŻEWĠ SALTNIET

Jeżisti univers li jaqa' taħt is-sensi (narawh, nisimgħuh, inħossuh) u univers ieħor li ma jaqax taħt is-sensi tal-ġisem, però li hu univers reali spiritwalment. Is-Saltna ta' Alla tkopri ż-żewġ universi: dak spiritwali u dak fiżiku.

Is-Saltna ta' Alla mhijiex ġeografika. Is-Saltna ta' Alla kienet il-mira prinċipali tat-tagħlim u tal-mirakli ta' Ġesú. Il-parabboli jiddeskrivu s-Saltna, it-tagħlim jiddeskrivi l-imġiba taċ-ċittadini tas-Saltna u l-mirakli juru x'inhi s-Saltna ta' Alla. Bil-kliem u bil-mirakli Ġesú jikxef ukoll x'inhu l-imperu tad-dlam. Mhemmx tielet saltna.

Hu bil-Magħmudija fl-Ispirtu li persuna tidħol fis-Saltna ta' Alla. Hemm imġiba ta' wlied Alla u mġiba ta' l-iskjavi tax-xitan. Aħna ninsabu, bħalissa fis-Saltna ta' Ġesú. Fit-tmiem ta' kollox, Ġesú ħa jagħti din is-Saltna lill-Missier Alla, wara li jkun qered kull ħakma, setgħa u qawwa (1Kor 15:24).

Is-Saltna tax-xitan tintwera b'xi modi, imma Ġesú juri setgħa aqwa u jeħles lill-bniedem:

### L-EGHMEJJEL TAX-XITAN

- Id-dnub ikissirna: jifridna minn Alla, minn xulxin, mill-ħolqien u jkisser l-armonija interjuri.
- Id-dnub ikkawża t-telf tas-saħħa kif riedha l-ħallieq (b'hekk ġie l-mard).
- Oppressjoni u possessjoni mix-xitan.
- Il-mewt

### IL-HELSIEN TA' ĠESÚ

- Ġesú ħelisna minn din l-iskjavitú, bil-qawwa tal-misteru ta' l-Għid u ħabbibna ma' Alla u ma' xulxin.
- Ġesú fejjaqna.
- Ġesú ħelisna.
- Ġesú hu l-qawmien u l-ħajja għal kulmin jemmen fih.
- Il-ħelsien mill-ħakmiet tax-xitan hu xhieda li s-Saltna ta' Alla waslet (Mt 12:28; Lh 2:3-4).

## IL-BNIEDEM SHIH

Hi r-rieda ta' Alla li jsalva lill-bnedmin. Hu veru li ultimament, hi r-ruħ li bħala ħlejqa immortali hi l-iktar element importanti li tagħti l-identitá lill-bniedem, u għalhekk għandu jibża għaliha ħafna. Iżda l-Mulej għażiż tagħna ried li l-bniedem ikun shih bis-salvazzjoni ta' Ġesú.

Shiħ ifisser li dak kollu li jagħmel bniedem ġie mnaddaf, imfejjaq, meħlus bil-qawwa tal-mewt u



l-qawmien tal-Messija. Dan jixhed għalih Ġesú stess kif ukoll l-Ispirtu fil-Knisja. Il-ministeru ta' Ġesú u tal-Knisja ntwera bil-ħelsien mill-irbit tad-dnub u l-konsegwenzi tiegħu: fejqan mill-mard, ħelsien mill-oppressjoni djabolika, għerf li qered l-injoranza, imħabba fraterna li għelbet l-egoiżmu.

Il-Katekiżmu jgħallem li Ġesú "ġie biex ifejjaq il-bniedem sħiħ, fir-ruħ u l-ġisem: hu t-tabib li jeħtieġu l-morda (ara Mk 2:17) - Il-morda kienu jfittxu li jmissuh għax minnu kienet toħroġ qawwa li tfejjaq lil kulħadd (Lq 6:19; ara Mk 1:41; 3:10; 6:56). U hekk, fis-sagramenti Kristu jkompli jmissna biex ifejjaqna." (Kat. 1503-04) **"Fuq is-salib Kristu tgħabba bil-piż tal-ħażen kollu (ara Is 53:4-6) u neħħa d-dnub tad-dinja (Ġw 1:29) li tiegħu l-mard hu l-effett (Kat 1505)". "Kristu jistieden lid-dixxipli tiegħu biex jimxu warajh billi jerfgħu huma wkoll salibhom. Fil-mixi tagħhom warajh, jiksbu fehma ġdida dwar il-mard u l-morda. Ġesú jsieħibhom miegħu fil-ħajja fqira tiegħu ta' qadi u fil-ministeru tiegħu ta' mogħdrija u ta' fejqan: ħarġu jxandru biex in-nies jindmu, u keċċew bosta xjaten u dilku ħafna morda biż-żejt u fejquhom"** (Mk 6:12-13; Kat 1506).

**"L-Ispirtu s-Santu jagħti lil xi wħud il-kariżma speċjali tal-fejqan biex juri l-qawwa tal-grazzja ta' l-Irxoxt - 'Fejqu l-morda' (Mt 10:8). Dan l-ordni l-Knisja rċevietu minn għand il-Mulej"** (Kat 1508 -09).

Il-mard qatt mhu r-rieda ta' Alla. Alla ħalaq is-saħħa. Il-mard hu nuqqas ta' saħħa, hu tagħwiġ tal-pjan t'Alla, mhuwiex parti mis-Saltna ta' Alla. It-tbatija li nesperimentaw, li nħossu minħabba l-mard nistgħu nużawha (bħalma għamel Ġesú bit-tbatija tiegħu) billi ngħaqqduha mal-Passjoni ta' Ġesú għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ. Iżda l-mard irridu nitqabduh. Ġesú fejjaq kemm felaħ; qasam ħiltu u anki s-setgħa tiegħu mad-dixxipli biex il-mard jingħeleb. Il-fejqan mill-mard hu s-sinjal tas-Saltna. Ġesú ġie mingħand il-Missier biex isaħħaħ u jagħmel sħiħ lill-bniedem mifluġ bid-dnub u l-mard. Għall-istess raġuni, il-Missier u Ġesú bagħtu lill-Ispirtu fuq il-Knisja sabiex ir-rebħa ta' l-Għid, il-vittorja totali fuq id-dnub, il-mard, ix-xitan u l-mewt tixtered f'kull ġenerazzjoni u kull post. •

> Il-Knisja, aħna, irridu nagħtu xhieda tar-rebħa ta' Ġesú fuq id-dnub u l-mard billi naħfru u nfejqu. Ir-riżultati huma f'idejn Alla s-Salvatur. Xogħolna hu li nobduh!

# ROKNA GĦAT-TFAL

## Aqta'min

1. Sultan li d-dinja ssumat quddiemu. (1 Mak 1,1-3)
2. Kien għerq mill-agħar. (1 Mak 1,10)
3. Qatel raġel fuq l-artal. (1 Mak 2,24)
4. Mar attaparsi jiżżewweġ u qatluh. (2 Mak 1, 14-16)
5. Kien iħallas għan-nefqa tas-servizz minn butu. (2 Mak 3, 3,3)
6. Jissawwat minn żiemel u żagħżugħ f'dehra. (2 Mak 3, 25-27)
7. Kien l-aqwa raġel fost il-popli tal-Lvant. (Ġob 1,3)
8. Dan kien ġej minn dawra mad-dinja. (Ġob 1,7)
9. Riedet lil Ġob jisħet 'l Alla u jmut. (Ġob 2,9)
10. Qishom tibna li jtajjarha r-riħ. (S 1,4)
11. Ħalqhom bħal baħar miftuħ. (S 5,10)
12. Dan jiġi u jsinn is-sejf. (S 7,13)

**Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslulna mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar.**

Indirizzaw it-tweġiba tagħkom hekk:
**ROKNA GĦAT-TFAL, Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini Floriana FRN 1211.**

**Ir-Rebbieħ t'April 08 huwa:
Luca Catalogna - Ħal Balzan
Nifirħulek!**

# TISLIBA - 81



1. Kienet għolja ħamsin driegħ. (Est 5,14) **(5)**
2. Min jagħmel id-deni jagħmel dawn. (Prov 14,22) **(6)**
3. X'talbu jħejjilhu. (Film 22) **(5)**
4. Din binhar u duħħan. (Is 4,5) **(5)**
5. Missek qegħdtli flusek fih. (Mt 25,27) **(4)**
6. Sultan ta' Tir. (2 Kron 2,10) **(5)**
7. Jibkohom ħdejn dawn. (Għerf 19,3) **(5)**
8. Qiegħdu f'but imtaqqab. (Ħaġ 1,6) **(5)**
9. U... biċċa ħobż. (Rt 2,14) **(3)**
10. Din kellha żewġ ulied. (Rum 9,10) **(7)**
11 u 12. Hekk kien il-ġebel. (Għam 5,11) **(6)**
13. Ilbsuha ma' xulxin. (1 Pt 5,5) **(6)**
14. ... u jinħaqar. (Koh 2,23) **(5)**
15. Għandhom... nies serji. (1 Tim 3,8)) **(5)**
16. *Qatgħa* drapp aħmar skarlatt. (Num 4,8) **(5)**
17. Mil-Libanu sa hawn. (1 Slat 5,23) **(5)**
18. Hekk għamel s'issa l-Mulej. (Goż 17,14) **(7)**
19. U l-mewt hekk hi. (Fil 1,21) **(4)**
20. ..., inżel min hemm. (Lq 19,5) **(3)**
21. Tagħtux aktar minnu. (Ez 5,7) **(5)**
22. Kellhom din u xi bwieqi. (Apk 5,8) **(5)**

**RIŻULTAT TAT-TISLIBA T'APRIL 08:**
***1. Iskot; 2. Mistħi; 3. Naqdi; 4. Ħidma; 5. Dris; 6. Iddum; 7. Stima; 8. Irrid; 9. Oħt; 10. Damasku; 11. u 12. Mirjam; 13. Artemi; 14. Ħoreb; 15. Artal; 16. Karru; 17. Irbit; 18. Offerta; 19. Ftit; 20. Tir; 21. Elija; 22. Rampi.***

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz:* ***Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN 1211***

**Ir-Rebbieħa t'April 08 huwa:
Pasquale Caruana - Raħal Ġdid. Nifirħulek!**





# ĠWANNI

## JURINA KIF NERSQU LEJN ALLA.

**"Ġwanni kien dejjem wieħed minn grupp żgħir li Ġesù kien jieħu miegħu f'okkażjonijiet speċjali,"** hekk jgħidilna l-Papa Benedittu XVI meta jitkellem dwar l-Appostlu u Evanġelista Ġwanni.

Fi ħdan il-Knisja ta' Ġerusalemm Ġwanni kellu pożizzjoni importanti. Tant hu hekk li Pawlu kien iqisu fost dawk imsejħa bħala kolonni tal-komunità. Aktar tard, meta Ġwanni u Pietru kienu qed ixandru bla biża' ta' xejn il-Qawmien ta' Kristu mill-Imwiet fit-toroq, barra u ġot-tempju, u għal dan ġew meħuda quddiem is-Sanhedrin, huwa qalilhom ċar u tond... **"Aħna ma nistgħux ħlief nitkellmu dwar dak li rajna u smajna."** Għalina li nemmnu, dan mhu xejn għajr eżempju ta' kif għandha tkun il-fedeltà tagħna lejn Kristu, billi npoġġu l-fidi tagħna qabel kull interess personali.

Il-Papa jfakkarna dwar il-fatt li t-tradizzjoni tgħid li Ġwanni kien id-dixxiplu maħbub li serraħ rasu fuq sider l Imgħallem matul l Aħħar Ikla, kien taħt is-Salib flimkien ma' Marija Omm Ġesù u kien xhud ta' Dak li qam mill-imwiet.

Ħafna hassieba u kittieba jaraw lil Ġwanni bħala l-mudell ta' kif wieħed għandu jkun dixxiplu ta' Kristu, dak Kristu li jrid jagħmel lil kull wieħed u waħda minna dixxiplu li qed jgħix il-ħin kollu fi ħbiberija personali miegħu. Benedittu XVI jgħidilna li biex inwettqu dan mhux biżżejjed li nimxu warajh u nisimgħuh minn barra, imma rridu ngħixu miegħu u ngħixu kif għex hu. Dan hu possibbli biss fil-kuntest ta' relazzjoni ta' familjarità kbira, imxerrda ma' kull rokna u li timla kullimkien b'ħeġġa u b'żelu li taf tagħti, dik li bil-Malti nfissruha bħala fiduċja għamja.

Il-Papa jfakkarna li fl-atti apokrifi ta' Ġwanni l-Appostlu huwa ppreżentat bħala wieħed li jikkomunika l-fidi f'laqgħat ma' erwieħ mimlija tama ta' salvazzjoni. Kollox hu spirat bil-ħsieb paradossali li dak li ma jidhirx jagħmlu jidher. Il-Papa jżid li l-Knisja Orjentali ssejjaħlu t-Teologu, fi kliem ieħor, wieħed li kapaċi jitkellem dwar affarijiet divini b'mod li jiftiehem, biex jurina l-mod ta' l-għaġeb li jressaqna lejn Alla permezz tal-fedeltà tagħna lejn Kristu.

Fil-Lvant, Ġwanni, li skond it-tradizzjoni għex f'Efesu, kien u għadu meqjum bil-kbir sa llum il-ġurnata, fl-ikonografija Biżantina hu spiss impinġi bħala raġel xwejjaħ waqt meditazzjoni intensa, qisu qed isejjaħ lil ta' madwaru għal silenzju perfett.

Il-Papa Benedittu jgħidilna illi mingħajr talb adekwat mhux possibbli li noqorbu lejn il-misteru suprem ta' Alla u r-rivelazzjoni tiegħu u jfakkar fi kliem tal-Patrijarka Atenagoras: **"Ġwanni hu l-bidu ta' l-ogħla spiritwalità. Bħalu, 'is-siekta' jesperjenzjaw il-bidla misterjuża tal-qlub; huma jsejħu l-preżenza ta' Ġwanni u qlubhom iħeġġu vampa nar."** •



# Għin lill-Knisja u lill-Ordni Franġiskan Kapuċċin fil-Kenja billi tagħmel...

# BOROŻ TA' STUDJU

**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' Lm250 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**P. Crispin Tabone OFMCap,**
**Segretarju tal-Missjoni, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana**

**Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525.**

## JUM IL-MISSJONI KAPUĊĊINI

Is-Segretarjat Missjoni Kapuċċini jistieden lill-abbonati u l-qarrejja ta' Dawl Franġiskan għal ċelebrzzjoni ta' Quddiesa fl-okkażjoni ta'

**JUM IL-MISSJONI KAPUĊĊINI**

nhar il-Ħadd 4 ta' Mejju 2008, fis-6pm, fil-knisja tas-Salib Imqaddes, Floriana.

***Wara l-quddies jkun hemm riċeviment fuq is-sur tal-kunvent.***